# GRAJJIET




# IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-GRAZZJI

MILL

KAPPILLAN DUN GIUS. ZARB.

THE NEW LYCEUM LIBRARY
PROGRESSIVE NUMBER 25115
CLASS MARK [illegible]

# Grajjiet Is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji

Mill-

Kappillan Dun Gius. Zarb.

---

MALTA
GOIV. MUSCAT
1951

IMPRIMATUR
Datum in Curia Archiep.ali Melit.
die 14 Junii 1951.
† EM. GALEA, Ep. Trallian in Asia,
Vic. Gen.

NIHIL OBSTAT
die 20 Junii 1951
P. ALFONSUS M. CAMILLERI, O.F.M.
Cens. Theol.



XBIHA MIRAKULUŻA

TAL-MADONNA TAL-GRAZZJI

**MEQJUMA FIS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR**

"Lil Madonna tal-Grazzji
Fl-okkażjoni tal-
Inkoronazzjoni solenni
tagħha"

*2 ta' Settembru 1951.*
*Kappillan Dun Gius. Zarb.*

— *Copyright* —

***1951***

# XEWQA MITMUMA

*"Talibus decebat Virginem oppignorari muneribus."*
*"Kien jixraq li Marija Verġni tiġi mżejna b'dawn l-unuri."*

Bħalma Ruma pagana fl-imgħoddi kienet tlibbes kuruna tal-friegħi tas-siġar lill-gwerrieri qalbiena li kienu jgħollulha ġieħha, hija wkoll drawwa tal-knisja li żżejjen b'kuruna tad-deheb ix-xbihat għeżież tal-Madonna li lejhom tara qima speċjali minħabba xi mirakli jew xi grazzji li jinqalgħu permezz tagħhom.

Kien jixraq għalhekk li tiġi mżejna b'dan il-privileġġ ix-xbiha għażiża u storika li mill-eqdem żmenijiet kienet għajn ewlenija ta' sabar, ta' faraġ u ta' grazzji.

Il-magħruf kittieb Malti, Dun Xand Cortis, fil-ktieb fuq "Sidtna Marija tal-Grazzja" isostni li din ix-xbiha jixirqilha li tiġi nkurunata u jagħti r-raġunijiet. "L-aqwa għożża tax-xbihat", igħidilna, "tittieħed minn tliet ħwejjeġ: 1. Mill-qdumija jew antikità tagħhom; 2. mill-mirakli u grazzji li Alla l-Imbierek ikun għoġbu jagħmel permezz tagħhom; 3. mill-ġibda u mid-devozzjoni mixgħula li l-insara jkollhom lejn dik ix-xbiha. U dawn it-tliet ħwejjeġ jinsabu mgħarrsa u msieħba flimkien wisq tajjeb fl-inkwadru tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar. L-ewwelnett hu qadim sewwa; it-tieni għax permezz ta' Sidtna Marija tal-Grazzja saħħu xita qawwija ta' grazzji u ta' għeġubijiet; it-tielet għaliex lejn il-Madonna tal-Grazzja minn dejjem kienu l-insara ta' kull żmien, ta' kull għamla, ta' kull ġens, ta' kull stat, mixgħula bid-devozzjoni: kienu jmorru jżuruha bi ħġarhom. Għalhekk għall-għożża tax-xbiha jixirqilha li tkun inkurunata."

## ŻJARA PASTORALI

Dak li fisser bil-kitba Dun Xand Cortis kienu qegħdin iħossuh eluf u eluf ta' nies oħra devoti tal-Madonna. Għalhekk fl-okkażjoni tad-dimostrazzjoni li saret lill-Arċisqof fit-13 ta' Marzu ta' l-1949 ġiet lilu mfissra x-xewqa tal-poplu li jibdew jittieħdu xi passi għall-inkoronazzjoni ta' din ix-xbieha għażiża.

L-Arċisqof ma setax ma jilqax it-talba tal-poplu. L-istess

Stampa Nru. I.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

**Id-dimostrazzjoni li saret lill-Arċisqof f'għeluq iż-żjara Pastorali tiegħu meta ġiet imfissra x-xewqa tal-poplu li tiġi nkurunata ix-xbiegħa tal-Madonna tal-Grazzji.**

"Te Deum" ta' għeluq iż-żjara Pastorali li, mill-eqdem żmenijiet, jitkanta fis-Santwarju ta' Ħaż-Zabbar kien qed ifakkru fil-għożża kbira tax-xbieha fih meqjuma.

Mill-gallarija għalhekk taċ-Cirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika, huwa wiegħed solennement li jagħmel ħiltu biex din ix-xbieha għażiża u antika tal-Madonna tal-Grazzja tiġi nkurunata.

Iċ-ċapċip ta' l-idejn, l-għajjat ta' "Viva l-Arċisqof" u

Stampa Nru. II.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

**Bertino Francesco mgħolli fuq l-idejn wara li fisser kif ġie mfejjaq f'daqqa waħda minn kankru fi driegħu tal-lemin malli rrikorra lejn il-Madonna tal-Grazzja.**

d-daqq ta' l-Innu tal-Papa miż-żewġ filarmoniċi wrew b'liema ferħ il-poplu laqa' din il-bxara li ħallietu jifhem li xewqtu ma kenitx sejra ddum wisq ma tiġi mitmuma.

## FEJQAN TA' STRANĠIER

Intant il-Madonna kompliet turi l-jedd li għandha għall-unuri li l-Arċisqof wiegħed li jagħmel ħiltu biex iġibilha.

Fil-konklużjoni taż-żjara pastorali tfaċċa f'daqqa waħda bniedem strangier, ċertu Bertino Francesco, minn Sqallija, li quddiem l-Arċisqof u quddiem għadd kbir ta' nies xandar il-grazzja kbira li qala' mingħand il-Madonna malli rrikorra lejha. Minn ritratti radjografiċi kien jidher li kellu kankru f'idu l-leminija u li ma kienx hemm tama ta' fejqan jekk din l-id ma tiġix maqtugħa. Qabel ma ddeċieda li jagħmel din l-operazzjoni filwaqt li kien qiegħed Malta, wera lil wieħed ħabib tiegħu, ċertu Francesco Bianco, minn Ħaż-Żabbar, b'dak li ġralu u fissirlu kemm kien inkwiet fuq l-operazzjoni li kellu jagħmel. Dan ħajru jirrikorri lejn il-Madonna tal-Grazzja u tah xi santi tagħha. Kif beda jitlobha beda jħoss ruħu għaddej għall-aħjar u kif reġa' lura lejn Sqallija u qal lill-Professur Benedetti, li kellu jagħmillu l-operazzjoni, li ma kien għadu jħoss xejn iżjed f'idejh, dan ġiegħlu jieħu radjografija (ritratt) oħra u sab li idu kienet imfejqa għal kollox.

## GRAZZJI OĦRA

Wara t-taħdita fuq ir-Rediffusion, li saret fl-okkażjoni tal-Kongress Marjan fuq il-Madonna tal-Grazzja, ħafna bdew jirrikorru lejha u jaqilgħu minnufih il-grazzji li bdew jitolbuha. Insemmu biss il-każ ta' tifla mwielda mingħajr forzi f'riġlejha li fieqet f'daqqa waħda xi xahar wara. Il-ġenituri tagħha semgħu t-taħdita u akkwistaw domna tagħha, poġġewhielha fuq riġlejha, u bdew jitolbuha biex tfejjaqhielhom. Wara ftit ġimgħat din it-tifla ħasset f'daqqa waħda tiġiha l-forza u qamet timxi u tgħajjat li fejqitha l-Madonna. Fil-Festa ta' Korpus il-ġenituri tagħha ġew iżuru 'l-Madonna biex itemmu l-wegħda u għadd kbir ta' nies setgħu jaraw b'għajnejhom lil din it-tifla qawwija u sħiħa u jisimgħuha tirrakkonta kif kienet titlob lill-Madonna biex tfejjaqha.

## WIRJA MARJANA

Il-Wirja Marjana kompliet turi l-importanza storika u Nazzjonali ta' l-imsemmija xbiha tal-Madonna għaliex ħafna setgħu jaraw il-lampieri tal-fidda, il-mudell ta' galera ta' l-Ordni u kwadri wegħda mogħtijin wara l-ħelsien mill-Assedju l-Kbir (A.D. 1565) u wara r-Rebħ tal-Guletta (A.D. 1535) u ta' Lepanto (A.D. 1570) li jinsabu kkonservati fis-Santwarju tagħha. Fuq dawn il-wegħdi nitkellmu fit-tul iżjed il-quddiem meta nsemmu t-taqbid ta' żmien l-Ordni u r-rebħ mirakuluż miksub bl-għajnuna ta' l-Omm tal-grazzji.

Stampa Nru. III.



It-tifla mwielda bla forzi f'riġlejha u mfejqa f'qasir żmien malli l-ġenituri tagħha rrikorrew lejn il-Madonna.

## BXARA SABIĦA

Intant it-talba għall-inkoronazzjoni ġiet imressqa quddiem il-Kapitlu ta' San Pietru li fit-22 ta' Lulju, 1949, ħareġ id-digriet li nġibu iżjed 'il quddiem maqlub bil-Malti.

Sa ftit ġranet qabel "Ħadd in-Nies" ta' l-1950 ħadd ma kien għadu jaf xejn fuq dan id-digriet għaliex ħadd ma basar li se jkun hemm deċiżjoni hekk ta' malajr billi l-kapitlu ta' San Pietru kien imħabbat bis-Sena Mqaddsa u bil-beatifikazzjonijiet li kellhom isiru.

Il-Madonna riedet donnha terfa' l-bxara għall-festa li ssirilha fl-ewwel Ħadd tar-Randan.

Is-Segretarju tal-Kapitlu, mistoqsi ftit ġranet qabel jekk itteħditx xi deċiżjoni fuq it-talba mressqa quddiemu, kien pront wieġeb illi d-digriet kien ilu maħruġ ħafna u li kien qed jistenna lil xi ħadd biex jirtirah.

Wasal, intant, l-ewwel Ħadd tar-Randan u fil-quddies ġie mħabbar bħas-soltu l-pellegrinaġġ li soltu jsir wara nofs in-

nhar u ssemmiet "Bxara Sabiħa" li kellha tiġi mogħtija f'din l-okkażjoni. Ftit kienu li basru x'setgħet tkun din il-bxara. Ħafna ħasbu li kienu sejrin jiġu mxandra xi grazzji speċjali bħalma soltu jiġu mħabbra f'din l-okkażjoni. U ġew imħabbra tabilħaqq grazzji speċjali fid-diskors ta' għeluq il-pellegrinaġġ għaliex issemma l-fejqan tat-tifla li semmejna, żewġ każi ta' fejqan minn meninġite, fejqan ieħor ta' bniedem agonizzant u l-konverżjoni ta' tnejn minn nies li kienu ilhom ħafna f'ħajja ħażina. Imma l-bxara sabiħa kienet għadha ġejja.

Wara li ġie mfisser kemm jixraq li tiġi nkoronata ix-xbiha

Stampa Nru. IV.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

Ħadd in-Nies 1950: Jidħru l-imseħbin tal-M.U.S.E.U.M. fil-bidu tal-pellegrinaġġ.

Stampa Nru. V.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

Ħadd in-Nies 1950: Jidħer l-Isqof Galea dieħel il-knisja.

antika u għażiża tal-Madonna tal-Grazzji, li l-folol kbar tal-pellegrinaġġ kienu qegħdin iqimu, issemmew ix-xorta ta' kuruni li jixirqulha: il-*kuruna rostrali* li kienet tingħata lir-rebbieħa ta' fuq il-baħar, il-*kuruna ovali* li kienet tingħata lir-rebbieħa ta' l-irsiera, il-*kuruna ċivika* li kienet tingħata lil min kien jeħles lil xi ħadd mill-mewt, il-*kuruna tar-rand* li kienet tingħata lill-ġenerali rebbieħa u l-*kuruna tan-niġem* li kienet tingħata lil min kien jeħles xi nies imblukkati.

"Dawn il-kuruni jixirqu kollha lill-Madonna tal-Grazzji. Il-bċejjeċ tal-ktajjen li kienu joffrulha l-irsiera juru kemm ti-

xirqilha l-kuruna ovali. L-ixpruni tax-xwieni ta' l-għadu, l-istendardi u l-battalji mirbuħa mill-flotta ta' l-Ordni, rappreżentati fil-kwadri wegħda, juru kemm tixirqilhom il-kuruna rostrali. Il-gumni u l-bċejjeċ tal-qlugħ li kienu joffrulha dawk li kienu jeħilsu mill-għarqa juru kemm tixirqilha l-kuruna ċivika. Il-battalji fuq l-art rappreżentati fil-kwadri wegħda juruna kemm tixirqilha l-kuruna tar-rand. Is-sehem, fl-aħħarnett, li ħadet fil-ħelsien tal-Maltin assedjati mit-Torok fl-1565 jagħtiha wkoll id-dritt għall-kuruna tan-niġem.

B'danakollu għalkemm dawn il-kuruni kollha jixirqu lill-Omm tal-Grazzji kulħadd jixtieq jaraha mżejna b'kuruna isbaħ; b'kuruna tad-deheb u tad-djamanti; b'kuruna li biha ddeċieda diġà li għandha tiġi mżejna l-Kapitlu ta' San Pietru tal-Vatikan bid-digriet li sejrin tisimgħu."

Inqara mbagħad, l-ewwel bil-Latin imbagħad bil-Malti, dan id-digriet:

Stampa Nru. VI.

**Hadd i-Nies 1950:**

**Tidher il-Filarmonika**

**M.M. Gratiae.**



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

"Kardinal Federico Tedeschini,
Arċipriet tal-Bażilika
ta' San Pietru tal-Vatikan.

Lill-Ilus.mu u Rev.mu
Mons. Mikiel Gonzi,
Arċisqof ta Malta.

Is-Saċ. Ġużeppi Zarb, Kappillan tal-Parroċċa Żabbar tad-Djoċesi tiegħek, fisser m'ilux lill-Kapitolu tagħna tal-Vatikan



Stampa Nru. VII.

**Hadd in-Nies 1950: Jidhru l-imseħbin tal-Azzjoni Kattolika u tal-Legion of Mary**

PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

li għandu l-privileġġ li jikkonċedi l-Inkoronazzjoni lix-xbieha *persinsigni* tal-Madonna; li tinsab fil-Knisja parrokkjali tiegħu xbiha għażiża tal-Madonna meqjuma b'devozzjoni kbira bit-titolu sabiħ ta' OMM TAL-GRAZZJI. Din ix-xbiha, kif jidher mill-kitba ta' storiċi ta' min jemminhom, ġiet esegwita fl-1650 biex tissostitwixxi xbiha oħra iżjed antika li kienet ġiet meqruda mill-musulmani. Il-qima tal-Maltin lejn din l-Omm tal-Grazzji qatt ma waqfet. Anki l-lum bħalma fl-imgħoddi ma

jaqtgħu qatt il-fidili li jiġu minn kull naħa tal-gżira jew biex jitolbuha l-grazzji jew biex jirringrazzjawha għall-grazzji maqlugħa bħalma jidher ċar mill-ħafna oġġetti prezzjużi mogħtijin b'wegħda u li jinsabu fis-Santwarju tagħha, biċċa minnhom mogħtijin mill-kavalieri ta' S. Ġwann. Fl-imgħoddi fl-okkażjoni ta' kalamitajiet pubbliċi l-Padruna Ċelesti waqfet mal-Maltin li rrikorrew lejha u fil-preżent qegħdin isiru ħafna għeġubijiet b'mod speċjali fejqan istantaneu mill-mard. Wara li espona dan kollu, l-imsemmi kappillan talabna biex għan-nom tad-devoti Tagħha tal-Gżira nikkonċedu l-inkoronazzjoni ta' din ix-xbiha għażiża tal-Madonna tal-Grazzji.

Stampa Nru. VIII.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

**Ħadd in-Nies 1950: Jidhru l-imseħbin tal-M.U.S.E.U.M.**

Stampa Nru. IX.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

**Ħadd in-Nies 1950: Tidher il-Filarmonika San Mikiel.**

Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija u billi int ikkonfermajt il-verità ta' dan kollu u rrakkomandajt illi nissoddisfaw ix-xewqa u nilqgħu t-talba li ġiet lilna magħmula, aħna fit-22 ta' dan ix-xahar, miġburin flimkien fl-Awla Kapitulari, iddeċidejna b'vot unanimi illi x-xbiha mqaddsa tal-Madonna tal-Grazzji meqjuma fis-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar għandha tiġi mżejna b'kuruna tad-deheb. Il-fakoltà li tinkurunaha, Eċċellentissimu u Reverendissimu Arċisqof, nagħtuha lilek u nagħ-

tuk fl-istess ħin il-fakoltà li jekk tkun trid tqabbad u tiddelega lil xi isqof ieħor.

Ruma, Belt tal-Vatikan, 22 ta' Lulju, 1949.
(Iff.) Mons. Ferdinando Prosperini,
Segretarju tal-Kapitolu."

Aħbar mistennija u mixtieqa għal tant żmien mid-devoti tal-Madonna, u min-nies ta' Ħaż-Zabbar b'mod speċjali, ma setgħetx ma tiġix milqugħa b'ferħ u b'entusjażmu. U dan il-ferħ u dan l-entusjażmu dehru tassew fiċ-ċapċip ta' l-idejn, fl-għajjat ta' "Evviva l-Madonna" u fil-Kant tat-"Te Deum" b'ringrazzjament lil Alla.

Wara l-funzjoni tal-knisja saret dimostrazzjoni li ħadu sehem fiha ż-żewġ baned lokali li ftit qabel, ma' tul il-pellegrinaġġ, akkumpanjaw lill-kori tat-tfal fil-kant ta' l-Innijiet tal-Madonna.

Stampa Nru. X.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA

Ħadd in-Nies 1950: Jidher il-poplu dieħel il-knisja wara li daħlu s-soċjetajiet.

## MILL-GALLARIJA TAĊ-ĊIRKOLU

Mill-gallarija taċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika minn fejn kienet ġiet imfissra lill-Arċisqof ix-xewqa tal-poplu ta' Ħaż-Żabbar li tiġi nkurunata x-xbiha li tant għandu għal qalbu, u minn fejn l-istess Arċisqof wiegħed solennement li jagħmel ħiltu għalbiex jara mitmuma din ix-xewqa qaddisa, minn din l-istess gallarija fejn kien preżenti l-Isqof Galea, il-kleru u

Stampa Nru. XI.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

**Ħadd il-Nies 1950: Qari tad-digriet tal-Inkurunazzjoni.**

r-rappreżentanti tas-Soċjetajiet kollha tal-parroċċa, l-Assistent Ekklesjastiku, Dun Franġisk Buhagiar, qara dan id-diskors sabiħ u adattat għaċ-Ċirkostanza li kompla mela lil kulħadd bil-ferħ u bl-entusjażmu:

"Ifraħ, o poplu ta' Ħaż-Żabbar, poplu tal-Madonna, għaliex xewqtek sejra tiġi mitmuma. Il-permess mill-awtorità kompetenti nkiseb u issa ma baqax ħlief ftit żmien ta' tħejjija ħalli

tkun tista' tipprepara biex tiċċelebra kif inhu xieraq dik il-ġurnata sollenni li fiha kuruna tad-deheb u tad-djamanti għandha tiġi mqiegħda fuq ras ix-xbiha antika u għażiża tal-Madonna tal-Grazzji meqjuma fis-Santwarju tiegħek.

"Diġà qiegħed inġib quddiem għajnejja dik ix-xena; diġà donni qed nisthajjilni nisma' lil Mons. Arċisqof jitlob lill-Madonna biex tippermettilu jpoġġilha fuq rasha l-kuruna u bil-kliem tal-Kantiku tal-Kantiċi jgħidilha *'Veni coronaberis'*, 'Ejja ħalli ninkurunak': ħallini npoġġilek il-kuruna tad-deheb u djamanti illi ppreparalek dan il-poplu li inti għażilt, kif fissru misserijiethom u kitbulek fuq il-portiku ewlieni ta' dan is-Santwarju *'Dabo gratiam populo huic'* sabiex f'nofsu inti twaqqaf l-għamara tiegħek.

* * * * * * * * *

"Ifirħu, o devoti tal-Madonna. Jiena naf illi intom ilkoll lesti biex tiċċaħħdu mid-deheb tagħkom biex issir lill-Madonna kuruna mill-isbaħ.

* * * * * * * * *

"Mhux il-poplu biss ta' Ħaż-Żabbar għandu l-lum għax jifraħ, imma l-poplu kollu ta' gżiritna illi minn kull rokna kemm fil-ġranet tal-festa kemm fil-ġranet tax-xogħol ma jaqta' qatt jinvistaha u jkompli l-wegħdi li jkun għamel mat-Teżoriera tal-Grazzji. Din l-aħbar ma ddumx ma tasal 'il bogħod 'il bogħod biex tferraħ ukoll lill-ħafna minn ħutna li biex itejbu l-kondizzjoni ekonomika tagħhom kellhom jitbiegħdu mill-gżira u middell tas-Santwarju tal-Madonna u jmorru f'artijiet stranġieri.

* * * * * * * * *

"Ma nistax ma niftakarx ukoll il-lejla f'żewġ persunaġġi li kellhom għal xi żmien f'idejhom it-treġija ta' dan is-Santwarju u li kienu xtaqu wkoll jaraw inkoronata x-xbiha għażiża tal-Madonna fih meqjuma: il-wisq mibkijin u qatt minsija Mons. Farrugia u Mons. Catania, żewġ kappillani li l-Madonna żgur salvatilhom ruħhom għall-imħabba li kellhom lejha.

"Ix-xorti li ma kellhomx iż-żewġ kappillani li semmejna sejra tmiss lilek, għażiż u maħbub kappillan tagħna, li ħabrikt kemm flaħt biex jinkiseb il-mixtieq digriet ta' l-inkoronazzjoni."

Għalkemm kien hemm min issuspetta xi ħaġa — għax, kif igħidu, il-qalb tal-bniedem tħabbar — b'sorpriża ta' kulħadd, instemgħet din l-aħbar li mliet bil-ferħ il-qlub ta' min semagħha

— din l-aħbar li kebbset iżjed il-fjamma ta' l-imħabba li f'qalbna tfawwar għall-Madonna—din l-aħbar li ġiegħlitna, mingħajr ma ridna, nesprimu esternament il-ferħ tagħna bil-kliem u biċċapċip ta' idejn — li min jaf kemm-il darba qalbna ftaħna quddiem ix-xbiha tagħha biex nitolbuha xi ħaġa, jew qalbna għalaqna, bosta drabi, magħfusa bid-dwejjaq u tlabniha tfarraġna.

* * * * * * * * *

"L-aħħar kelma, lilkom, għeżież Żabbarin bħali, ulied maħbuba u xxurtjati tal-Madonna tal-Grazzja. Inħejju ruħna kif jixraq għal dik il-ġurnata. Inħabirku biex bix-xogħol tagħna u bis-sagrifiċċji tagħna, bil-ko-operazzjoni sħiħa u ġeneruża tagħna għal dak li jgħidilna u jitlobna l-wisq maħbub kappillan tagħna — it-tempju tal-Madonna insebbħuh kuljum iżjed, inlibbsuh sabiħ, u nlestuh għall-festa li tant ilna nixtiequ. Nagħmlu sagrifiċċji u nissieħbu bil-qalb u minn jeddna ma' dik il-ġemgħa ta' rġiel u ġuvintur li jħabirku għall-knisja, li jissagrifikaw bil-ferħ il-mistrieħ tagħhom, ħalli s-Santwarju għażiż tagħna jilbes kif jixraqlu — ikollu l-mużew tiegħu u kull ma titlob ġurnata tant solenni. Nagħtu xi ħaġa mid-deheb tagħna lill-Madonna, ħalli nagħmlulha kuruna sabiħa biex dakinhar li naraw ir-ras tagħha nkoronata biha, kull wieħed minna jkun jista' bil-jedd kollu jgħid li għandu sehem minn dik il-kuruna. Jiena żgur illi nkun qiegħed ninterpreta s-sentimenti nobbli u ġenerużi tal-poplu ta' Ħaż-Żabbar jekk minn rajja nwiegħed lill-maħbub kappillan tagħna, li qatt ma għandu mistrieħ fix-xogħol għat-tħabrik tas-Santwarju tal-Madonna, il-ko-operazzjoni ta' kulħadd.

"Kelma oħra lilek, għażiż kappillan. Inħossni nonqos jekk nipprova biss ngħid xi ħaġa fuq il-ħidma tiegħek. Min jista' bi kliem jinseġ tifħir xieraq għall-ħidma tiegħek bla waqfien, għall-ħeġġa tiegħek biex tara s-Santwarju tal-Madonna jisbiħ, biex ixxandar ma' kullimkien il-ġrajja glorjużi tiegħu, biex tirrestawralu l-kwadri antiki, mogħtija b'wegħda lill-Madonna — li jiffurmaw l-akbar għożża tas-Santwarju tal-Grazzja, li għandek mitt sena li tara l-Madonna nkurunata, li ma tarax issiegħa li ttella' mużew mat-tempju tal-Madonna ħalli fih tiġbor il-fdal ta' żmien il-qedem — ħwejjeġ għeżież bil-bosta — biex dawn iservu ħalli lil kull min jiġi jżuru juruh u jagħtuh l-isbaħ xhieda li s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja huwa wie-

ħed miż-żewġ Santwarji ewlenin tal-gżira tagħna ddedikati lill-Madonna.

"Dan ix-xogħol kollu, għażiż kappillan, inti tagħmlu, mingħajr ma tħalli barra x-xogħol tiegħek ta' responsabbiltà bħala ragħaj ta' din il-parroċċa, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħwejjeġ tar-ruħ, tal-ħidma pastorali tiegħek. Min ma jarakx ħiereġ

Stampa Nru. XII.


FRIDERICVS TITVLI S. MARIAE DE VICTORIA
SANCTAE ROMANAE ECCLESIAE PRESBYTER CARDINALIS TEDESCHINI
SS. PATRIARCHALIS BASILICAE
PRINCIPIS APOSTOLORVM DE VRBE ARCHIPRESBYTER
SACRAE CONGREGATIONIS REV. FABRICAE PRAEFECTVS

[illegible]

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Digriet tal-Inkurunazzjoni.**

l-aħħar wieħed mill-konfessjonarju tiegħek, biex imbagħad, wara sigħat sħaħ tqarar, tmur taqdi fil-pront id-dar tiegħek lil tant nies li sa fil-għaxija jiġu jħabbtu wara l-bieb tad-dar tiegħek? Filwaqt li nifraħlek, għażiż kappillan, talli rnexxielek tikseb id-digriet ta' l-Inkoronazzjoni, li qrajtilna l-lum, jiena nitlob lil Alla sabiex ikompli jbierek il-ħidma tiegħek u lill-Madonna ħalli tħallik fostna għal ħafna u ħafna snin oħra.

"Żmien ilu, l-Azzjoni Kattolika ta' din il-parroċċa, entusjażmata għall-ħidma tiegħek bla waqfien fostna, billi ta' kull sena dejjem iżżid fl-opri li jkabbru dejjem iżjed il-ġieħ tad-dar t'Alla, it-tempju għażiż tagħna, Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, kellha ħsieb tagħmillek festa u tagħtik rigal, rigal fqajjar, imma li seta' b'xi mod juri ftit ir-rikonoxxenza tagħna għall-ħidma tiegħek. Għal dan l-iskop kien sar xi ġbir, mingħajr ma inti kont taf l-iskop ewlieni u ġewwieni tiegħu. Minn dan il-ġbir kienet inġemgħet is-somma ta' £50. Iżda, għal xi ċirkostanzi li ma konniex ipprevedejna, il-festa kienet ġiet trasferita biex nistennew xi okkażjoni iżjed adattata. Il-ġbir kien waqaf. Imma l-lum — jum adattat, għalkemm għal għarrieda, biex ingħid hekk, u għaldaqstant la stajna niġbru iżjed u lanqas kellna ż-żmien li nixtrulek xi ħaġa bil-flus miġbura—la tirruftax li taċċetta dan ir-rigal — dan iċ-cheque — sabiex bih inti tkun tista' tiddisponi kif tixtieq qalbek. Dan ir-rigal materjali ma jħallasx il-ħidma tiegħek, imma jservi biss biex nuruk ftit ir-rikonoxxenza tagħna. Aħna żguri li inti taċċettah bil-ferħa. Aħna nafu illi int ma inti mqanqal minn ebda nteress materjali biex twettaq il-ħidma tiegħek għaliex l-iskop ewlieni tal-ħidma tiegħek huwa li tagħti glorja lil Alla u li tagħmel il-ġid lill-erwieħ li Huwa fdalek."

Dan ir-rigal ġie aċċettat bil-qalb u ġie fl-istess ħin mogħti bħala l-ewwel kontribuzzjoni għall-Inkoronazzjoni tal-Madonna.

## TWEĠIBA ĠENERUŻA

Għall-appell biex jikkoopera l-poplu ma setax iwieġeb b'ħeġġa u b'ġenerożità akbar. Minn dak il-ħin stess bdew jiġu mogħtijin oġġetti tad-deheb għall-kuruna tal-Madonna u bdew isiru kontribuzzjonijiet għalbiex ikompli jitħejja t-tempju għall-okkażjoni u għalbiex tkun tista' ssir festa kif tixraq.

Ġew, intant, imfasslin il-kuruni għal fuq ras il-Madonna u għal fuq ras il-Bambin fuq ix-xebħ ta' l-istess kuruni li żmien ilu kienu jżejnu l-istess xbieha. Il-mudelli ta' dawn il-kuruni ħadimhom u offrihom l-iskultur Buhagiar filwaqt li x-xogħol ġie fdat lill-arġentier Madiona, li ħadem għal fuq l-istess xbiha xintill, brazzuletta u sandla tad-djamanti.

Stampa Nru. XIII.



PHOTO: THE ROYAL STUDIO - VAL.

**L-Arċisqof Metropolita, Mons. Mikiel Gonzi iddelegat mill-kapitlu ta' San Pietru biex jinkuruna l-Madonna.**

Dwar ix-xogħlijiet ta' żina tat-tempju swiet mhux ftit il-kooperazzjoni ta' x'uħud li bdew jgħinu fl-armar, fiż-żebgħa, f'kumnikazzjonijiet elettriċi, fil-kisi biċ-ċomb tal-koppli u f'xogħlijiet ta' karpenterija, fosthom ix-xogħol tat-tribuna, imwaqqfa u mibnija fuq tletin kolonna tal-kawba fuq id-disinn tas-Sur Gius. Galea.

## KUMITAT

Għall-festi esterni ġie mwaqqaf kumitat kompost mir-rappreżentanti tas-Soċjetajiet kollha tar-rġiel tal-parroċċa taħt il-patronat ta' l-Arċisqof Gonzi u ta' l-Isqof Galea.

Fost il-membri ta' dan il-kumitat ġew maħturin bħala Presidenti Onorarji: l-Onor. Dr. G. Agius Muscat, it-tabib distrettwali, Dr. J. Muscat u l-Perit J. Lia. Bħala Viċi-Presidenti Onorarji ġew magħżulin il-W.R. Dun Pawl Abela (Rappreżentant tal-kleru) il-W.R. Dun Karm. Buttigieg, (Rappreżentant tat-Terzjarji tad-Duluri) u l-W.R. Dun Franġisk Buhagiar (Rappreżentant tal-ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika).

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Bħala | **President** | effettiv ġie | maħtur | il-**W.R.** | **Dun Gius. Zarb** (Kappillan). |
| ,, | **Viċi President** | ,, | ,, | ,, | **Dun Fred. Farrugia** (Rappreżentant tal-kleru). |
| ,, | **Segretarju** | ,, | ,, | is-**Sur** | **Cosma Sciberras** (Rappreżentant tal-Fil. S. Mikiel). |
| ,, | **Ass. Segretarju** | ,, | ,, | ,, | **Vincent Muscat** (Rappreżentant tal-Fil. S. Mikiel). |
| ,, | ,, ,, | ,, | ,, | ,, | **Henry Bellizzi** (Rappreżentant tal-Legion of Mary). |
| ,, | **Kaxxier** | ,, | ,, | ,, | **Arturo Felice, Ph.C.** (Rappreżentant tal-Fil. M.M. Gratiae). |
| ,, | **Ass. Kaxxier** | ,, | ,, | ,, | **John Debono** (Rappreżentant tal-Fil. M.M. Gratiae). |
| ,, | ,, ,, | ,, | ,, | ,, | **Salv. Sciberras** (Rappreżentant tas-Soc. Mut. Socc. S .Franġisk). |
| ,, | **Segretarju propaganda** | ,, | | ,, | **Karm. Ellul Galea.** |
| ,, | **Direttur ta' l-Armar** | ,, | | ,, | **Karm. Mifsud** (Rappreżentant tal-Fil. Alfieri). |
| ,, | **Inkarigat attivitajiet filodrammatiċi** | ,, | | ,, | **J. Dougall** (Rappreżentant tal-Fil. "Goldoni"). |

**Ġew maħturin ukoll bħala membri tal-Kumitat:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Is-Sur** | **William Galea** | **— Rappreżentant** | ta' l-Irġiel ta' l-Azzjoni Kattolika. |
| ,, | **Karm. Bonavia** | ,, | ta' l-Iskejjel Elementari. |
| ,, | **Ant. Cachia** | ,, | tas-"St. Patrick" Football Club. |
| ,, | **Lorrie Schembri** | ,, | tas-Soc. Filodr. Melita. |
| ,, | **Emm. Cutajar** | ,, | tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. |
| ,, | **Gerald Schembri** | ,, | tal-M.U.S.E.U.M. |
| ,, | **Carm. Schembri** | ,, | tas-St. John's Ambulance Brigade. |

Stampa Nru. XIV.



PHOTO: FELICE - HAMRUN.

**Il-kumitat imwaqqaf biex jorganizza il-festi esterni tal-Inkoronazzjoni.**

Stampa Nru. XV.



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Haddiema li għenu biex jitlestew ix-xogħolijiet tat-tempju fil-ħin tal-mistrieħ tagħhom.**

Stampa Nru. XV (a).



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Haddiema li għenu biex jitlestew ix-xogħolijiet tat-tempju fil-ħin tal-mistrieħ tagħhom.**

VERSI

Għalkemm fuq il-Madonna tal-Grazzji m'ilux inkitbu innijiet sbieħ ħafna mis-Sur Karm. Ellul Galea, kien jixraq ukoll li għall-inkoronazzjoni jinkiteb xi innu ieħor li jkollu x'jaqsam ma' l-okkażjoni. Flok wieħed, anzi, inkitbu erbgħa wieħed mill-W.R. Frans. Camilleri, tnejn mis-Sur Karm. Ellul Galea u l-ieħor minn Patri Mattew, Kapuċċin. Dawn ġew immużikati mis-Surmast Casapinta, mis-Surmast Abela Scolaro u mis-Surmast L. Galea. Dawn l-innijiet għandhom żgur jogħġbu lill-Madonna x'ħin jitkantaw fis-siegħa ta' l-akbar trijonf tagħha x'ħin titpoġġielha fuq rasha l-kuruna li tant tixirqilha.

Inkitbu wkoll għall-okkażjoni mir-Rev.mu Mons. Gius. Schembri versi bil-Latin mill-isbaħ li fihom ġew minsuġa bi ħlewwa poetika l-ġrajja tal-Madonna u tas-Santwarju tagħha.

---

# MIT-TEMPJI PAGANI GHAS-SANTWARJU TAL-LUM

## TEMPJI PAGANI

It-tempji pagani mġarrfa, li għadhom jidhru fuq l-għoljiet ta' San Anard, kienu, fl-imgħoddi, għajn ta' twemmin u ta' tama għall-baħħara tal-Mediterran; għaliex, fil-perikoli ta' l-għarqa, huma kienu jirrikorru lejn l-allat meqjumin f'dawn it-tempji, mingħalihom li fl-istatwi tal-ġebel sejrin isibu sabar u għajnuna. Mimlijin b'din it-tama, huma kienu jsejħu bl-isem ta' sabar din ir-rokna tal-gżira. Biex, anzi, dawn l-allat jisimgħuhom aktar, huma kienu jinżlu joffru ta' spiss sagrifiċċji u jaħarqu l-vittmi quddiemhom, tant, illi l-inħawi fejn jinsabu dawn it-tempji għadhom sal-lum magħrufin bl-isem tal-ħarrieq.

Stampa Nru. XVI.



**Fdalijiet ta' tempji Neolitiċi qrib San Anard.**

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

Għalxejn, b'danakollu, isejħu bl-isem ta' sabar dan il-post mgħammar mill-idoli għaliex dawn ma jirnexxilhom qatt jagħtuhom is-sabar li jixtiequ. Dan is-sabar ma jibdewx iġarrbuh qabel ma jiġu mġarrfin it-tempji ta' l-idoli u jiġi mwaqqaf flokhom tempju lill-veru Alla, dedikat lid-Distributiċi tal-Grazzji. Din tibda, iva, tismagħhom, tfarragħom, issabbarhom u tħenn għalihom meta jibdew jagħarfuha, jitolbuha u jirrikorru lejha fil-qilla tat-tempesti bħalma għaraf ifisser latinista ċelebri Malti, il-magħruf Professur Xiberras, meta kiteb fuqha:

“Naufragos vocata mari erupuit in hoc templo vota soluta”, “Ħelset mill-għarqa lil dawk li rrikorrew lejha u li ġew f’dan it-tempju jtemmu l-wegħdi tagħhom.”

Bir-raġun, allura, jibdew isejħu l-post fejn hi meqjuma din l-Omm tal-Grazzji, bl-isem ta’ Sabar, isem li l-lum tbiddel f’Żabbar. Minn hekk, iva, ħa ismu dan il-post, u mhux kif ħasbu u kitbu x’uħud: minħabba li f’dan il-post kienu jgħammru nies li jisbru.

## ĊIMITERJI EWLENIN

Li flok it-tempji pagani li semmejna twaqqaf xi tempju lill-veru Alla malli Malta saret Nisranija jidher biċ-ċar mill-fatt illi


PHOTO: GARZIA - ZABBAR

Stampa Nru. XVII.

Ċimiterju ta’ San Tumas qrib il-fortizza li ġġib dan l-isem

f’dawn l-inħawi jinsabu ċimiterji ewlenin Insara mħaffrin fil-blat, li l-lum jinsabu jew mirdumin jew użati bħala bjar ta’ l-ilma. Insemmu biss dawk ta’ St. Peter, ta’ wara ċ-ċimiterju ta’ l-Ingliżi, ta’ San Tumas, li huwa l-iżjed importanti għaliex insibu mħaffer fih xi kliem meħud mill-Vanġelu: *“In nomine Domini Jesu Christi, surge et ambula”. “Domine Salvum me fac”.*

Ma jistax ikun issa illi l-Insara ewlenin li ħaffru dawn iċ-ċimiterji ma waqqfux ukoll fl-istess inħawi xi tempju lill-veru Alla. Xi fatti, anzi, iħalluna nifhmu illi dan it-tempju ma setax

Stampa Nru. XVIII.

Kwadru wegħda antik

aktarx tal-1300.

PHOTO:
THE ROYAL STUDIO - VAL.



ikun ħlief is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji, magħruf mill-eqdem żmenijiet bħala ċentru ta' devozzjoni u ta' qima lejn il-Madonna.

## DEVOZZJONI ANTIKA

L-ewwel fatt li jressaqna lejn din il-konklużjoni hija d-devozzjoni antikissma tal-Maltin lejn ix-xbiha tal-Madonna meqjuma f'dan is-Santwarju tagħha, bħalma xehdu dejjem kittieba ta' l-istorja u isqfijiet fiż-żjajjar pastorali tagħhom. L-istess ospizju, mibni ħdejn is-Santwarju, fejn il-lum tinsab id-dar parrokkjali, biex jagħti kenn lil dawk li kienu jiġu mill-bogħod iżuru lill-Madonna, ikompli jurina kemm kienet sħiħa u mqabbda tajjeb din id-devozzjoni. Kulħadd issa jifhem illi dan ma setax isir jekk mhux wara żmien twil.

## BAĦĦARA STRANĠIERI

Għidna wkoll iżjed 'il quddiem illi qabel ma Malta saret

nisranija l-baħħara strangieri kellhom qima speċjali lejn l-allat foloz, li kellhom it-tempji tagħhom fl-inħawi ta' l-imsemmi Santwarju. Meta r-reliġjon nisranija xterdet ma' l-Ewropa, il-baħħara strangieri li kienu jsibu ruħhom fil-periklu ta' l-għarqa bdew jirrikorru għall-ħarsien u għall-għajnuna lejn il-veru Alla, lejn Marija Santissma, li t-tempju tagħha kienu jilmħu fuq ir-rovini tat-tempji ta' qabel, u f'dan it-tempju, allura, kienu jmorru jirringrazzjawha meta kienu jaraw ruħhom meħlusin mill-għarqa. Issa sinjali ta' din id-devozzjoni antika tal-baħħara strangieri ma jinsabu fl-ebda tempju ieħor ħlief f'dak tal-Madonna tal-Grazzji, magħruf minn dejjem għall-wegħdi tagħhom.

## ŻJARA TA' MONS. DUZZINA

Iwassalna, fl-aħħarnett, għall-istess konlużjoni t-tagħrif li jagħtina Mons. Duzzina fiż-żjara ta' l-1575.

L-ewwelnett f'din iż-żjara nsibu li fuq l-altar prinċipali tat-tempju kien hemm baldakkin jew tribuna, bħalma nafu li kien ikollhom l-altari tal-knejjes antiki.

Fl-istess żjara nsibu wkoll illi fiċ-ċimiterju ta' madwar it-tempju kien hemm kappella dedikata lil S. Zakkarija, li kienet tant antika li kienet waslet biex taqa'. L-isqof Duzzina ried li



Stampa Nru. XIX.

— (Kwadru Nru. 40).

**Kwadru wegħda mogħti aktarx minn strangieri.**

PHOTO: THE ROYAL STUDIO - VAL.

din il-kappella tiġi profanata u mġarrfa, imma, kif insibu fiż-żjara pastorali ta' l-Isqof Cagliares ta' l-1615, minflok ma ġiet imġarrfa, iżjed tard ġiet restawrata. Biex din il-kappella kienet waslet fl-istat li qegħdin insemmu bilfors li kienu għaddew minn fuqha mijiet ta' snin billi l-ġebla tal-post li biha dak iż-żmien kien isir il-bini nafu li tirreżisti ħafna bħalma jista' wieħed jara minn bini ieħor. Issa, jekk fl-1575 il-kappella kienet diġà ilha teżisti għal tant mijiet ta' snin, min jista jgħid kemm kienet ilha teżisti qabilha l-knisja prinċipali?

Stampa Nru. XX.



PHOTO: THE ROYAL STUDIO - VAL.

**Is-Santwarju fi żmien l-Isqof Cagliares bħal ma nsibuh imfisser fiż-żjara pastorali tal-25 ta' Novembru, 1615.**

Dawn il-fatti mlaqqgħin flimkien iressquna, jekk ma jwassluniex għal kollox, lejn il-konklużjoni li s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji ġie mwaqqaf mill-Insara ewlenin li kienu jgħammru fil-Gżira. Naturalment min jaf kemm-il darba dan it-tempju ġie mġarraf biż-żmien u mwaqqaf mill-ġdid u min jaf ukoll kemm-il darba x-xbiha fih meqjuma ġiet imġedda minħabba li biż-żmien kienet titħassar jew titmermer, jew għax kienet tiġi meqruda mit-Torok bħalma aktarx ġara fl-inkursjoni ta' l-1614.



Stampa Nru. XXI.

**Il-Madonna tal-Grazzji bejn San Rokku u San Bastjan. Kif jingħad dan il-kwadru ġie mogħti b'wegħda minn devot tal-Madonna li meta kien għadu tarbija instab jerda minn ommu li kienet mietet bil-pesta.**

PHOTO:
THE ROYAL STUDIO - VAL.

## INKURSJONI TA' L-1614

Difatti, f'din l-inkursjoni, kif igħidilna Dal Pozzo (I. P. 589), f'Marsascala, il-port ta' Ħaż-Żabbar, żbarkaw minn 4,000 sa 5,000 Tork li, billi ma rnexxilhomx jaqbdu rsiera għaliex innies ta' l-inħawi laħqu ngħalqu fis-swar tal-Birgu, infexxew fil-profanazzjoni tal-knejjes. Mhux ftit kwadri nafu li għaddewha lixxa u għadhom jeżistu sal-lum. Il-kwadru tad-duluri, pereżempju, u tal-Madonna, bejn San Rokku u San Bastjan, li fiżżmien li qegħdin insemmu kienu fuq żewġ altari tal-ġenb, għadhom sal-lum fi stat tajjeb. Imma, billi fil-kwadru prinċipali ma' ġenb il-Madonna kien hemm ukoll San Anard, Santa Katarina

u San Ġwann Battista bil-bandiera li l-Musulmani, kif igħidilna l-Bosio (VIII. P. 147), ma kenux jistgħu jaraw b'għajnejhom, aktarx illi dan ġibdilhom l-attenzjoni u jekk ma qerduhx għal kollox qattgħulu dik il-parti fejn kien hemm San Ġwann Battista u għalhekk wara xi żmien ġie mneħħi minn postu biex isir ieħor floku mill-pittur magħruf Stefano Erardi. Kif insibu fl-istorja, ix-xbiha tal-Madonna, impittra mill-Erardi, baqgħet oġġett ta' qima u ta' venerazzjoni mhux inqas mix-xbiha ta' qabel. Difatti fiż-żjara pastorali ta' Mons. Rull naqraw li "il-knisja tal-Madonna tal-Grazzji *kienet u għadha* fl-akbar venerazzjoni u jiġu fiha minn kull naħa n-nies ta' din il-gżira", u l-Abela Ciantar, meta jitkellem fuq it-twaqqif tal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u fuq il-għażla tal-kappella tal-Madonna tal-Grazzji bħala Knisja Parrokkjali, isemmi "il-grazzji mirakulużi li kienu jirċievu mingħand Alla l-fidili li minn kull naħa *kienu u għadhom* jiġu".

## BALDAKKIN JEW TRIBUNA

Kif għidna iżjed 'il quddiem, ix-xbiha tal-Madonna kienet taħt tribuna miżmuma minn erba' kolonni. Aktarx hija fdal ta' waħda minn dawn il-kolonni l-blata ta' wieħed mill-bibien tal-



Stampa Nru. XXII.

**Parti mill-inventarju magħmul bl-ordni ta' l-Isqof Cocco Palmieri fl-1699, u kkonservat fl-arkivju tal-parroċċa.**

PHOTO: THE ROYAL STUDIO - VAL.

**Oriġinal:**

"Item quattro bandiere di diverso colore appese nella chiesa, una delle quali lo stendardo del Generale Golbert con l'effigie della Madonna della Concezione e di San Giovanni Battista e con tre arme.
Item un **baldacchino** di damasco fiorito rosso con il fondo giallo con ventidue fiocchi e con la frangia di (seta) e con tre arme posto sopra l'Altare Maggiore."

**Bil-malti jfisser:**

(Jinsabu) wkoll erba' bandieri ta' kulur differenti mdendlin fil-knisja, waħda minnhom l-istendard tal-Ġeneral Golbert bix-xbieha tal-Kunċizzjoni u ta' S. Ġwann Battista u bi tliet armi.
(Jinsab) wkoll **baldakkin** tad-damask iffjurat aħmar bil-fond isfar bi 22 fjokk u bil-frenża tal-ħarir u bi tliet armi imqiegħed fuq l-artal maġġur.

ġnien tad-dar parrokkjali, li l-lum tinsab fil-mużew tal-knisja. Kif naqraw fil-memorji tal-knisja, din it-tribuna kien fiha tliet armi. Kienu forsi l-armi ta Cagliares u ta' Alofju Wignacourt li, kif ngħidu iżjed 'il quddiem, jidhru mħaffrin fil-fonti tal-magħmudija, u xi arma oħra magħhom. Setgħu jkunu wkoll it-tlitt armi ta' fuq l-istandard tal-Ġeneral Colbert, li jissemma fl-istess memorji, fejn naqraw fuq l-imsemmija tribuna.



Stampa Nru. XXIII.

**Fdal aktarx minn waħda mill-kolonni li kienu jżommu t-tribuna ta' fuq l-altar fit-tempju ewlieni.**

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

## WIGNACOURT PARRINU

Meta Ħaż-Żabbar sar parroċċa, fl-1615, il-Gran Mastru Alofio Wignacourt aċċetta li jkun il-parrinu ta' l-ewwel tarbija li tgħammdet. Għalhekk il-fonti l-antik tal-magħmudija li sa ftit żmien ilu kien qed iservi ta' vaska għall-ħut fid-dar parrokkjali, ħdejn l-arma ta' l-Isqof Cagliares, li għamel Ħaż-Zabbar parroċċa, tidher ukoll l-arma ta' dan il-Gran Mastru.

## TEMPJU AKBAR

Billi l-popolazzjoni tal-parroċċa baqgħet tikber, beda jinħass il-bżonn ta' tempju akbar u għalhekk ġie nkarigat il-Perit Tumas Dingli biex ifassal u jippjanta tempju ġdid b'mod li

Stampa Nru. XXIV.



Anno M.D.CXVI die prima mensis Iunij ego D. Angelus Pontremoli I.V.D. Parochus huius Ecclesiæ Sanctæ Mariæ delle Gratia Casalis Zabar baptizaui infantulam natam ex coniugibus Ioanne & Marietta Vella huius Parrochiæ cui impositum est nomẽ Maria, Patrinus fuit Ill.s & R.mo D. FRATER ALOPHIVS WIGNACOVRT Magnus Magister & Princeps noster dignissimus per procuratorem admodum Illustrem & Reuerendum Dominum fratrem Franciscum dictum Bertacourt.

PHOTO: THE ROYAL STUDIO - VAL.

**L-ewwel fidi tal-Magħmudija li tidher fir-reġistru tal-parroċċa bl-armi tal-Gran Mastru Alofio de Wignacourt u tal-Isqof Cagliares li fi żmienhom Ħaż-Żabbar sar parroċċa.**

Stampa Nru. XXV.



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**L-ewwel fonti tal-magħmudijiet bl-armi tal-Gran Mastru Alofio de Wignacourt u tal-Isqof Cagliares.**

jkun jista' jinbena fuq il-qadim ħalli dan jibqa' jservi sakemm ix-xogħol jitlesta.

L-ewwel ġebla tat-tempju tqiegħdet fl-1 ta' Mejju, 1641, imma dam ma tlesta sa l-1696.

Kif kienu qegħdin isiru l-aħħar xogħlijiet fil-koppla, wieħed mill-ħaddiema waqa' għal isfel u fost l-għaġeb ta' kulħadd ma ġralu xejn. B'din il-grazzja l-Madonna donnha riedet turi kemm kien għal qalbha dan is-Santwarju ġdid tagħha. Bħala xhieda ta' din il-ġrajja jinsab fil-mużew tal-knisja kwadru fuq

il-lavanja mogħti minn dan il-ħaddiem b'radd ta' ħajr lill-Madonna.

Kif tlesta x-xogħol tal-bini bdew ix-xogħlijiet ta' l-iskultura u ta' l-induratura li damu sejrin sas-sena 1737.

## L-EWWEL ORGNI

Fl-1728 sar l-ewwel orgni li nħadem Napli u ġie mqiegħed f'waħda mill-gallarijiet tal-kor.

Stampa Nru. XXVI.



PHOTO: THE ROYAL STUDIO - VAL.

**It-tempju mingħajr kampnari mibni fuq il-pjanta tal-perit Dingli.**

## FAĊĊATA ĠDIDA

Fl-1738, billi l-faċċata mingħajr kanpnari, bħalma kien fassalha l-Perit Dingli, ma kenitx togħġob lill-poplu, għalhekk ġie nkarigat il-Perit Bonavia biex jippjanta faċċata ġdida bil-kanpnari u bil-portiku. Fil-kors li kienet qiegħda tinħatt il-faċċata l-qadima, instabet, taħt il-pilastru tan-naħa tal-lemin, kaxxa żgħira taċ-ċomb li kien fiha midalja tal-fidda. Din kienet ġiet mitfugħa fl-okkażjoni tat-tberik ta' l-ewwel ġebla, jiġifieri fl-1 ta' Mejju ta' l-1641, u kien fiha din l-iskrizzjoni:



Stampa Nru. XXVII.
— (Kwadru Nru. 45).

**Kwadru weghda fuq il-lavanja moghti minn wiehed mill--haddiema li fil-bini tal-koppla ewlenija waqa' ghall-isfel u ma ġralu xejn.**

PHOTO: FELICE - HAMRUN.

Fr. Dom Michael Io. Belaguer Cammarasa
Epus Melit Commendator Monson
Virgini Deiparae Gratiarum
Aedes has Sacras
piorum donariis amplificandas
Primo iactato lapide iterum dicavit
Anno 1641 Kal Maii.

*Dan bil-Malti jfisser*:

"'Fra Dom Mikiel Ġwann Belaguer Cammarasa, Isqof ta' Malta, fit-tqeghid ta' l-ewwel ġebla reġa' ddedika lil Marija Verġni Omm tal-Grazzji dan it-tempju akbar li sejjer jinbena bl-offerti tad-devoti taghha: L-1 ta' Mejju 1641."

Fl-istess kaxxa taċ-ċomb tqieghdet midalja ohra tal-fidda u ġiet mitfugha mill-ġdid fil-post fejn instabet. Fil-midalja ta' l-ahhar ġiet imhaffra din l-iskrizzjoni:

Fr. Paulus Alpheran de Bussan Epus Melit
Commendator de Vouvis

---

Atque iterum
Aedes ipsas ampliari
vestibulum construens
sacrasque turres
extolli mandavit
primo iacto lapide
viii Kal Febr. 1738.

*Dan bil-Malti jfisser:*

"U Fr. Pawlu Alpheran de Bussan, Isqof ta' Malta, Kommendatur ta' Vouvis, reġa' ordna li l-istess tempju jiġi mkabbar bil-bini ta' portiku u li jiġu mibnijin il-kannunari: Fit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla fit-8 ta' Frar 1738".

## KONSAGRAZZJONI

Fl-1784, it-tempju ġie konsagrat u b'tifkira ġiet imwaqqfa rħama fuq it-tielet pilastru tan-naħa tal-lemin tal-kursija b'din il-kitba fuqha:

D. O. M.
Templum hoc publica incolarum pietate
Ss. matris Gratiarum nomini anno MDCXVI
excitatum amplius elegantiusq anno MDCCXVIII
factum F. Vincentius Labinius Augustius
Solemni dedicatione effecit
prid. cal. Nov. ann. R.S. MDCCXXXIV
Dom. III Octob. quotannis recolenda.

*Dan bil-Malti jfisser:*

"LIL ALLA WISQ TAJJEB U KBIR.

Dan it-tempju ddedikat lill-isem ta' l-Omm Imqaddsa tal-Grazzji li fis-sena 1616 ġie magħżul bħala Parroċċa u li fl-1718 ġie mkabbar u mżejjen, fil-31 ta' Ottubru 1734 Fra Vincenz Labini kompla kabbrhu bil-Konsagrazzjoni solenni li l-festa tagħha ssir ta' kull sena t-tielet Ħadd ta' Ottubru.

## ĦSARA FIL-KOPPLA

Fi żmien l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi (1798-1800), billi Ħaż-Żabbar kien wieħed mill-aqwa ċentri tat-taqbid, il-batteriji Franċiżi tal-Kottonera kienu ta' spiss jifthu n-nar fuq din in-naħa u laqtu kemm-il darba l-koppla, li, għalkemm ma waqgħetx, ġarrbet ħsara kbira. F'Settembru ta' l-1801 bdew xogħlijiet ta' tiswija li damu sejrin sax-xahar ta' Ottubru tas-sena ta' wara.

Bit-terrimoti ta' l-1886, li minħabba fihom lanqas il-festa ma kienet saret, il-koppla kompliet tistriħ u tinfetaħ.

Stampa Nru. XXVIII.



Is-Santwarju fil-faċċata ippjantata mill-perit Bonavia.

## ŻJIEDA TAN-NAVI

Intant il-popolazzjoni ta' Ħaż-Żabbar kompliet tant tikber illi nħass il-bżonn ta' tempju akbar. Sar għalhekk il-proġett tan-navi li ġew imfasslin mill-Perit Giuseppe Pace.

Il-bini tan-navi ma kienx xogħol ħafif. In-naħa l-waħda kien hemm it-triq pubblika li l-gvern ma riedx, għall-ewwel, iħalliha tidjieq bil-bini tan-navi. Min-naħa l-oħra kien hemm dar privata u sidha ma ried bl-ebda mod iċediha. B'danakollu l-prokuratur, Dun Salv Sciberras, beda jtella' żewġ kappelli kull naħa bit-tama li meta jasal il-waqt il-Madonna tagħraf tħoll id-diffikultajiet kollha u n-navi jkunu jistgħu jitkomplew skond il-proġett tal-Perit Pace li għaraf iqabbilhom u jarmonizzahom mat-tempju.

Meta tlestew dawn l-erba' kappelli l-Madonna ħallet id-diffikultajiet kollha biex ikunu jistgħu jitilgħu l-aħħar żewġ kappelli u l-proġett jitwettaq. Id-dar, li kienet qiegħda tfixkel il-bini tan-navi min-naħa l-waħda, ġiet mixtrija minn benefattur

biex tiġi maħtuta. Il-Gvern, mill-banda l-oħra, ta permess għal-biex jitkompla l-bini fuq in-naħa tat-triq pubblika.

## FAĊĊATA NTERNA

Minħabba l-bini tan-navi kellha titbiddel ukoll il-faċċata nterna tat-tempju. Iż-żewġ altari tal-kappelluni ta' quddiem in-navi kellhom jersqu, u fuq it-tnejn l-oħra ġew maħluqin żewġ apsidi biex il-kappelluni jiġu jaqblu mal-kor. Minħabba f'dan it-tibdil tneħħiet l-iskultura kollha tal-kappelluni u tal-kor u spiċċaw il-prospettivi kollha skultura ta' l-altari tal-kursija. Xi bċejjeċ minn din l-iskultura għadhom jidhru mxerrdin 'il hawn u 'l hinn f'ġonna privati, fuq vaski, niċeċ, għejjun u mkejjen oħra.

Stampa Nru. XXIX.



**Prospettiva ta' wieħed mill-altari tal-kursija qabel ma nbnew in-navi.**

Stampa Nru. XXX.



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

It-tempju kif inhu l-lum biż-żieda tan-navi u l-koppla l-ġdida.

## KOPPLA ĠDIDA

Wara li tlestew ix-xogħlijiet li semmejna, fl-1928 bdiet tinħatt il-koppla l-qadima li, kif ġa għidna, mill-Irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi baqgħet tistriħ u tinfetaħ. Flokha ġiet imtellgħa dik li tidher il-lum, dejjem fuq il-pjanta u taħt id-direzzjoni tal-Perit Giuseppe Pace u bit-tħabrik tal-Kappillan Catania, li żejjen ukoll it-tempju b'arloġġ li jdoqq it-tislima ta' l-"Ave Maria".

Stampa Nru. XXXI.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA

**Kwadri tal-Via Crucis impittra minn Prof. Conti li dehru fil-wirja Marjana.**

It-tempju issa kien lest mix-xoghol tal-ġebel u wieħed seta' jibda jaħseb għalbiex jiddekorah; għaliex, għalkemm, kif diġà għidna, dan kien kollu xi żmien iddekorat u ndurat, minħabba t-tibdil li kien sar kellu jinżebaħ ħalli jiġi kollox kulur wieħed bħall-ġebel.

Fil-kor ġew esegwiti mill-Pittur Caruana l-erba' kwadri kbar li jirrappreżentaw xeni mill-iskrittura u saru l-pavimenti tar-rħam fin-navi u fil-kappelluni.

Bil-gwerra mhux biss waqfu x-xogħlijiet imma saru xi ħsarat li kellhom jiġu msewwija. Bix-xorti li t-tempju ma ġġarrafx billi ħafna bombi ġew qribu u missew anki miegħu.

## L-AĦĦAR XOGĦLIJIET

Wara l-gwerra beda mill-ġdid it-tiżjin tat-tempju. Ix-xewqa ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna bdiet tixgħel ġmielha, u

d-devoti tagħha kienu lkoll moħħhom fiha. Kien jixraq għalhekk illi t-tempju jiġi mħejji għal din il-festa li bdiet tinħass li qiegħda toqrob.

Tlesta l-ewwel ix-xogħol ta' l-iskultura, tal-kappelli kollha tan-navi, li ħadu madwar sena l-waħda, sar il-paviment ta' l-irħam fejn ma kienx għad hemm, ġie miksi bl-irħam il-kor u ż-żewġ prospettivi tal-kappelluni, sar il-friż ta' l-irħam tal-knisja kollha u ġew dekorati l-koppla, il-kor, il-kappelluni, il-kursija u n-navi, taħt id-direzzjoni tas-Sur Gius. Galea. Saret il-pittura fl-apside tal-kor, fil-lunetti u, fit-tmien flieli tal-koppla mill-Pittur Giuseppe Caruana; saret Via Crucis ġdida mill-Pittur Conti, li esegwixxa wkoll l-agunija ta' Sidna Gesù

Stampa Nru. XXXII.



Pedistall tal-fidda għall-taħt l-istonsorju fuq il-mudell tal-Iskultur Buhagiar u maħdum mill-arġentier Pirotta.

Kristu, li tidher f'wieħed mill-kappelluni. Sar orgni ġdid midditta Tamburini biż-żewġ sistemi elettriku u pnewmatiku, li jista' jindaqq kemm minn fuq il-gallarija kemm minn ġol-kor. Saret ukoll gallarija ġdida, xogħol ta' l-iskultur Buhagiar u ta' l-imgħallmin aħwa Formosa u sħabhom, li offrew ix-xogħol tagħhom b'xejn. Saru wkoll żewġ fontijiet ta' l-irħam mill-Iskultur John Spiteri Sacco. Flok il-pavaljun l-aħmar ta' fuq l-istatwa sar pavaljun ieħor ġdid ċelesti, irrakkmat bid-deheb, u għal fuqu saret kuruna ġdida tal-fidda fuq id-disinn ta' l-iskultur Tonna mill-arġentier Vassallo. Sar ukoll fil-kor għal fuq ix-xbiha tal-Madonna pavaljun ieħor tal-bellus ċelesti, irrakkmat bid-deheb, u sopraporta tal-fidda fuq id-disinn ta' l-iskultur

Tonna, xogħol ukoll ta' l-arġentier Vassallo. Għal din is-sopraporta ndaħlu l-benefatturi, is-Sur Giuseppi, u Sig.na aħwa Mifsud. Saru tliet sopraporti u tliet purtieri ġodda tal-ħarir għal fuq it-tliet bibien ta' barra u għal taħt l-arkati saru linfi tal-kristall. Għal tlieta minnhom indaħlu il-benefatturi, is-Sur Giovanni Vella, is-Sur Giuseppe Mercieca u s-Sur Giuseppe Formosa. Għall-istonsorju fejn tkun ir-relikwa tal-Madonna sar pedistall ġdid tal-fidda esegwit mill-arġentier Pirotta fuq id-disinn ta' l-iskultur Buhagiar, li għalih indaħlet il-benefattriċi, is-Sinjura Michela Darmanin. Għal fuq kull altar saret terħa ġdida tal-bellus, irrakkmat bid-deheb, u sar damask ġdid fl-irkejjen kollha fejn ma kienx għad hemm.

B'hekk it-tempju ġie mħejji għall-festa ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna li d-devoti tagħha kienu ilhom ħafna jixtiequ jaraw.

Stampa Nru. XXXIII.



PHOTO: CASSAR - HAMRUN.

**San Ġwann Evanġelista f'waħda mil-lunetti.**



PHOTO: EXPRESS - PAWLA

**Pittura ġdida fil-koppla, opra tal-pittur Gius. Caruana.**

Stampa Nru. XXXV.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

**Pittura ġdida fil-koppla, opra tal-pittur Gius. Caruana.**

Stampa Nru. XXXVI.



**Statwa tal-Madonna, opra ta' Mariano Gerada.**

Stampa Nru. XXXVII.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

**Statwa tal-Madonna, opra ta' Mariano Gerada, imwaqqfa b'wegħda fit-trieq tal-knisja wara t-taqbida u r-rebħa tal-Maltin fuq il-Franċiżi.**

# SANTWARJU LI JFAKKAR FIL-GRAJJA TA' L-ORDNI U TA' MISSERIJIETNA

## FORTIZZA TAL-KNISJA

F'diskors li għamel l-aħħar li ġie Malta, ftit taż-żmien ilu, il-Kardinal Spellman sejjaħ din il-gżira tagħna b'espressjoni li ma setgħetx tfisser aħjar l-imgħoddi glorjuż tagħha. Sejħilha



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

Stampa Nru. XXXVIII.

Weghdi mis-Santwarju ta' Haż-Żabbar li dehru fil-wirja Marjana. Barra mill-kwadri li jidhru mdendlin mal-ħajt tidher ukoll xini mogħtija b'wegħda.

"Fortizza tal-Knisja"; fortizza li kontriha fiż-żmenijiet tan-nofs, b'mewġa wara mewġa l-eżerċiti tat-Torok intefgħu b'qilla selvaġġa, imma biss biex jerġgħu lura mirbuħa u mfarrka quddiem il-kuraġġ sħiħ tad-difensuri taċ-ċiviltà Nisranija (1).

1. Dan id-diskors sar mill-imsemmi Kardinal fit-28 ta' Frar, 1950, mill-gallarija tal-Palazz tal-Gvernatur.

Jixraq li Malta tissejjaħ "Fortizza tal-Knisja" għas-sehem kbir li kellha fil-ġlied mal-qawwiet tan-nofs qamar fiż-żmien li kienet taħt l-Ordni. Il-pożizzjoni tagħha u, wisq iżjed, il-popolazzjoni żgħira imma qalbiena tagħha kienu għall-Ordni donnhom magħżulin apposta mill-Provvidenza bħalma l-Ordni kien donnu wkoll mibgħut mill-istess Provvidenza biex iħares il-gżira u l-abitanti tagħha u ma jħallihiex iżjed vittma tal-pirati u ta' l-infidili.

Min jaf kemm kienu jitolbu misserijietna biex jiġu meħlusin mit-theddida ta' dawn l-infidili li kienu kontinwament jattakkawhom u jeħdulhom ġidhom u l-prodotti tagħhom barra milli kienu jipprofanawlhom il-knejjes u jħarbtulhom djarhom, meta ma kinux jieħdu lilhom ukoll biex ibigħuhom bħala rsiera.

Xewqithom ġiet fl-aħħar mitmuma għaliex it-talb tagħhom instema'. Bil-għajnuna ta' l-Ordni huma setgħu mhux biss jiddefendu ruħhom u art twelidhom imma setgħu jibdew imorru jfittxu huma stess dan il-għadu aħrax biex jikkumbattuh, irażżnuh u jeqirduh ħalli mhux biss ma jibqax jagħmel ħsara lilhom u lil art twelidhom imma lanqas lill-Insara ta' artijiet oħra.

Ma ndumux għalhekk ma narawhom jingħaqdu u jissieħbu mal-Kavalieri u jbaħħru fuq il-flotta tagħhom lejn artijiet maħkuma minn dawn l-infidili biex jeħilsuhom u jilliberawhom.

F'dan it-taqbid misserijietna ma kenux jafdaw biss fil-ħila tagħhom imma kienu jfittxu l-għajnuna tas-sema, l-għajnuna speċjalment tat-Teżoriera tal-Grazzji, li fiha sabu dejjem sabar u għajnuna.

Lejha wkoll kienu jirrikorru l-Kavalieri; lilha kienu jitolbu qabel xi taqbid ma' l-għadu. *"Domina omnium gratiarum"*: "Padruna tal-grazzji kollha", kienu jgħidulha, *"intercede pro nobis"*: "idħol għalina".

U kienet tisimgħu t-talb tagħhom, kif jixhdu l-oġġetti li kienu joffrulha u l-fundazzjonijiet li kienu jħallulha. Kellhom bżonn, anzi, ma nqerdux il-wegħdi li jissemmew f'inventarji antiki tal-parroċċa, għaliex kieku, flimkien mal-kwadri wegħda li jfakkruna fir-rebħ tal-flotta ta' l-Ordni fuq il-flotta Torka, konna nilmħu wkoll l-ixpruni tal-ħadid mogħtijin wara r-rebħa mirakuluża ta' xini ta' l-Ordni kontra flotta sħiħa Torka; konna naraw il-ktajjen li kienu joffru dawk li kienu jiġu meħ-

lusin mill-jasar; konna naraw il-bċejjeċ tal-qlugħ u l-gumni li kienu jħallu b'tifkira dawk li kienu jeħilsu mill-għarqa; konna naraw l-armi, il-lampieri, il-vent'altari, il-kapep u l-pjaneti li l-Gran Mastri u l-Kavalieri kienu joffru b'radd ta' ħajr wara rebħ li kienu jiksbu fuq il-għadu.

Il-ġrajja mela ta' l-Ordni u ta' misserijietna fl-epoka li qegħdin insemmu nsibuhom minsuġin mal-ġrajja ta' l-imsemmi Santwarju, li għalhekk nistgħu nqisuh bħala monument li jfakkar f'dawn il-ġrajja glorjużi ta' art twelidna.

Mill-wegħdi għalhekk li jinsabu fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji nippruvaw ninsġu s-sensiela ta' ġrajja glorjuża li tant għollew il-ġieħ ta' pajjiżna fiż-żmenijiet tan-nofs, meta Malta kienet taħt l-Ordni.

## REBĦA TA' MODONE U TAGIURA

Bil-kemm l-Ordni kien għadu rifes fuq Malta meta naraw il-Maltin jitqabdu mat-Torok. Fost l-abiti sagri antiki tas-Santwarju tissemma fil-"Memorji" (2) pjaneta ħadra tal-bellus bl-arma ta' l-Isle Adam (driegħ bil-maniplu) li ġiet naturalment mogħtija lill-Madonna minn dan il-Gran Mastru wara xi grazzja li qala' minn għandha. X'kienet din il-grazzja l-kittieb tal-"Memorji" ma jgħidilniex. Nafu biss illi fi żmienu l-Kavalieri, imseħbin mal-Maltin, ħadu sehem fir-rebħa ta' Modone u rnexxielhom jaħarqu l-flotta Torka qrib Tagiura; żewġ rebħiet li setgħu ġiegħlu lil dan il-Gran Matsru joffri b'radd ta' ħajr lill-Madonna l-imsemmija pjaneta.

## REBĦA TAL-GULETTA

F'Ġunju ta' l-1535 narawhom mill-ġdid jitqabdu mat-Torok fuq ix-xtut ta' l-Afrika biex jieħdu l-fortizza tal-Guletta, magħrufa bħala bejta tal-pirati li kienu l-flaġell tal-pajjiżi tal-Mediterran.

Imħejjija għall-attakk mill-magħruf Barbarossa b'għadd kbir ta' kanuni u bi gwarniġjon ta' 5,000 ruħ, din il-fortizza setgħet twieġeb għan-nar tal-flotot magħqudin ta' Spanja, ta' Genova, tal-Papa u ta' Malta b'xita qawwija ta' nar li għamlet-ilhom mhux ftit ħsara. Imma l-karrakka ta' l-Ordni rnexxielha

---

2. Arkivju Parrokkjali: "*Memorie di case appartenenti alla S. Par. Chiesa ed alle chiese filiali di Casal Żabbar*" — paġ. 22. Ara wkoll l-istampa Nru. 64 (LXIV) §10.

tibqa' dieħla sa taħt il-fortizza u bbumbardjatha bil-kanuni kbar tagħha, li kienu l-aqwa fost il-kanuni kollha tal-flotot l-oħra, u f'qasir żmien irnexxielha ssikket u ttajjar il-kanuni kollha ta' l-għadu filwaqt li x-xwieni l-oħra komplew jibbumbardjaw it-torrijiet u s-swar tal-fortizza.

Wara dan il-bumbardament, li dam sejjer għal sigħat sħaħ, beda l-assalt mill-Maltin u l-Kavalieri li riedu li jkollhom l-ewwel sehem fit-taqbida. In-nies ġew imniżżlin l-art biddgħajjes tal-karrakka li baqgħet qrib ix-xatt filwaqt illi x-xwieni l-oħra ta' l-Ordni ġew mibgħutin 'il barra biex jgħassu għall-flotta Torka u ma jħalluhiex tattakka għal għarrieda l-flotta Nisranija. Wara taqtigħa ħarxa mat-Torok li ppruvaw

Stampa Nru. XXXIX.
— (Kwadru Nru. 24).

**Kwadru weghda moghti wara r-Rebħa tal-Goletta miksuba mill-flotot magħqudin insara fl-1535.**

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.




iżommuhom u jitfgħuhom il-baħar, il-Maltin irnexxielhom jersqu lejn il-fortizza jitqabdu mill-ġdid ma' dawk li kienu qegħdin jiddefenduha, jeħduhielhom minn idejhom u jtellgħu l-istendard ta' l-Ordni fuq is-swar nofshom imġarrfa tal-fortizza mirbuħa. It-Torok tawha għall-ħarba wara li ħallew warajhom mhux inqas minn 1,500 mejtin, barra minn flotta ta' 87 xini, 300 kanun u kwantitajiet kbar ta' munizzjon u ta' armi.

Din it-taqbida narawha mfissra f'wieħed mill-kwadri wegħda li għadu jidher fil-mużew tas-Santwarju.

Il-flotta ta' l-Ordni f'dan il-kwadru tidher qrib art Torka li fuqha jidher il-ġlied bejn it-Torok u l-Insara. Quddiemnett hemm il-karrakka ta' l-Ordni filwaqt illi fil-bogħod jidhru tlitt ixwieni oħra ta' l-istess Ordni. L-iskrizzjoni ta' fuq il-kwadru ma għadhiex tinqara imma mill-qagħda tax-xwieni u mit-

taghrif li jaghtina l-Bosio jidher ċar illi dan il-kwadru jirrappreżenta t-taqbida li fuqha tkellimna (3).

Għalkemm bil-waqgħa tal-Guletta l-Imperu Ottoman tilef waħda mill-aqwa fortizzi, dan ma jfisserx li naqset b'daqshekk it-theddida Ottomana jew li spiċċa l-periklu tal-pirati. Il-qawwiet tan-nofs qamar mhux talli ma naqsux imma komplew dejjem iżjed jissaħħu u jirrendu b'hekk iżjed iebsa l-missjoni li għaliha daħlu misserijietna. Dan jidher biċ-ċar mid-diżastri li dawn ġarrbu ftit taż-żmien wara, meta, magħqudin mal-flotot l-oħra Nsara, ippruvaw jirbħu u jieħdu xi bliet u xi fortizzi oħra. Baqgħu jissemmew fl-istorja l-massakri li saru mill-Maltin u mill-kavalieri fl-Assedju ta' l-Alġier ta' l-1541 u fl-Assedju ta' Żwara ta' l-1552 u t-telf ta' mhux inqas minn 20 xini Nisranija fl-assedju ta' Tripli ta' l-1559-1560.

Imma dawn id-diżastri ma jaslux biex jaqtgħu qalb il-Maltin li narawhom ikomplu jissieħbu mal-Kavalieri biex imorru mill-ġdid jiltaqgħu ma' l-għadu ħalli miegħu jerġgħu jitqabdu. Fl-1564, erba' snin wara t-telfa li ġarrbu fi Tripli, narawhom jattakkaw galjun kbir Tork li kien ġej minn Kostantinopli. It-Torok għamlu ħilithom kollha biex ma jarawx dan il-galjun tagħhom jintilef u iżjed u iżjed biex ma jarawhx jaqa' f'idejn il-Kavalieri. Saret għalhekk taqbida ħarxa bejn it-Torok minn naħa u l-Maltin u l-Kavalieri mill-oħra b'telf ta' nies miż-żewġ naħiet; imma r-rebħa kienet tal-flotta ta' Malta li rnexxielha tirbaħ u tieħu dan il-galjun Tork mgħobbi b'oġġetti prezzjużi (4).

Dan il-galjun jidher ukoll f'wieħed mill-kwadri li jinsabu fil-Musew tas-Santwarju (5); imma mid-data ta' fuqu jidher illi

---

3. Kwadru Nru. 24 (XXIV). Dak li jgħid il-Bosio (Lib. VIII Paġ. 157) jaqbel perfettament mat-taqbida li tidher f'dan il-kwadru. Għalkemm fil-kwadru jidhru tliet xwieni u mhux erbgħa kif jgħid il-Bosio, wieħed għandu jiftakar li waħda mix-xwieni ta' l-Ordni, il-"Katarinetta", kienet ġarrbet xi ħsara u għalhekk flok ma ħarġet 'il barra mat-tlieta l-oħra kellha tibqa' tissewwa.

4. Jingħad li għat-telfa ta' dan il-galjun Soliman ħalef li jeqred 'il-Kavalieri billi jeħdilhom minn idejhom il-Gżira ta' Malta bħalma kien ħadilhom il-Gżira ta' Rodi.

5. Kwadru Nru. 12 (XII). Is-sena 1565 miktuba fuq dan il-kwadru tidher miżjuda wara. Mons. Farrugia kien igħid illi, meta sar kappillan f'Ħaż-Żabbar, dan il-kwadru kien mitfugħ taħt taraġ flimkien ma' ħafna kwadri oħra. Biex ma jħallix dawn il-kwadri jkomplu jitgħarrqu kien qabbad bniedem jieħu ħsiebhom u jdendilhom fis-Sagristija. Ħafna minn dawn il-kwadri,

mħux wara t-taqbida li qegħdin insemmu ġie mogħti lill-Madonna imma fis-sena ta' wara, fl-1565, meta dan il-galjun wassal mirakolożament, Malta, sewwasew lejlet l-Assedju, għajnuna ta' nies u ħażniet ta' ikel li mingħajrhom il-Maltin u l-Kavalieri assedjati kien ikollhom iċedu u jitilfu.

## L-ASSEDJU L-KBIR

Billi, qabel l-Assedju, Malta kienet nieqsa ħafna mill-qmuħ u minn ħażniet ta' ikel, il-Gran Mastru La Valette kien

Stampa Nru. XL. — (Kwadru Nru. 12).



PHOTO: THE ROYAL STUDIO - VAL.

**Il-Galjun il-Kbir li wassal ir-rifornimenti u l-ħażniet tal-ikel f'Malta lejliet l-Assedju l-Kbir.**

bagħat l-imsemmi galjun lejn Sqallija biex jitgħabba bil-qamħ u jerġa' lura minnufih lejn Malta. Ftit kien hemm tama li dan

---

fosthom dan li qegħdin insemmu, kellhom gwarniċ immermer u għalhekk ġew imqegħdin fi gwarniċi aħjar imma iċken. Għalhekk mill-imsemmi kwadru ġew maqtugħin xi bċejjeċ meqjusin bħala żejda li fuqhom kienet tinsab skrizzjoni u s-sena 1565, li ġiet miktuba mill-ġdid minn dan l-istess bniedem fuq l-istess naħa tal-kwadru. Ettore Rossi, li kien ġie jara l-kwadri wegħda li jinsabu f'dan is-Santwarju, osserva mill-ewwel li dan il-kwadru kien jirrappreżenta 'l-galjun il-kbir, u għalhekk ma setax ikun ħlief wegħda jew ta' meta ġie maqbud jew ta' meta wassal il-proviżjonijiet lejlet l-Assedju.

il-galjun jerġa' jiġi lura għaliex il-flotta Torka kienet diġà qorbot sewwa lejn Malta u għalhekk dan ma setax ma jiġix osservat u maqbud mill-għadu. Ġara, iżda, illi kif dan il-galjun, iddestinat għal Malta, kien qed joqrob lejn il-flotta Torka din waqfet f'daqqa waħda, donnha mġiegħla mill-Provvidenza biex tħallih għaddej u jwassal il-ħażniet li kellu fuqu lejn Malta. Xi xwieni ta' l-għadu, mgħobbijin bl-obeliski, inkaljaw u weħlu fir-ramel, u Soliman ried li tieqaf il-flotta kollha sakemm dawn ix-xwieni, inkaljati, jiġu miġbudin u maqlugħa.

B'hekk dan il-galjun, iddestinat għal Malta, irnexxielu jeħles mill-flotta Torka u jasal b'għaġeb ta' kulħadd imgħobbi mhux biss bil-qmuħ imma anke b'xi nies lesti biex jissieħbu ma' misserijietna ħalli jitqabdu kontra l-Musulmani u jiddefendu din il-gżira, fortizza taċ-ċiviltà Nisranija.

Din il-ġrajja mirakuluża, bħalma jsejħilha l-Bosio (6), l-istorjografu ta' l-Ordni, miksuba bil-għajnuna tat-Teżoriera tal-Grazzji, bħalma tixhed il-wegħda msemmija, kienet il-bidu u fl-istess ħin il-mezz uniku li bih il-qalbiena misserijietna u l-Kavalieri setgħu jiksbu fuq it-Torok ir-rebħa li qatt ma tintesa, rebħa li għolliet il-ġieħ ta' pajjiżna, ražžnet il-qawwiet tan-nofs qamar u wriet biċ-ċar kemm l-Omm tal-Grazzji tippremja u tfarraġ lil dawk kollha li lilha jitolbu u lejha jirrikorru.

Fiha għalhekk komplew jittamaw misserijietna fil-kors ta' l-Assedju; lilha komplew jitolbu; u lilha wkoll raw imfissra fil-ħamiema l-bajda li bdiet tidher tittajjar fuq is-Santwarju tagħha; u fl-istess jum li f'dak iż-żmien kienet issirilha l-festa, jum it-twelid tagħha, raw ruħhom meħlusin u lliberati mill-għadu. Għalhekk iżjed tard naraw il-festa tagħha ddikjarata mill-istess Kongregazzjoni tar-Riti bħala festa tar-rebħa tal-Maltin fuq it-Torok fl-imsemmi Assedju: *"Ob memoriam obtentae victoriae contra turcas in obsidione Melitensi"* (6a).

## GĦAQDA MQADDSA U R-REBĦA TA' LEPANTO

Għalkemm Soliman ma rnexxilux jieħu 'l Malta, it-theddida tal-qawwiet tan-nofs qamar mhux biss ma naqsetx imma

6. Fil-Bosio (Vol. 3, Lib. XXIV), insibu li fil-11 ta' Mejju, 1565, daħal *mirakoložament* fil-port ta' Malta "Il Gran Galeone gia turchesco" bi 3,500 salmi qamħ u 400 suldat u li l-Gran Mastru La Valette kif rah dieħel fil-port daħal il-knisja jirringrazzja 'l Alla.

6a. Digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti tat-12 ta' Settembru, 1733.

kompliet tikber iżjed u timla lil kulħadd bil-biża'. Is-Sultan Selim, li għall-ewwel wera li jrid il-paċi, kompla jibni u jlesti kwantitajiet ta' armamenti li wrew malajr x'kienet il-fehma tiegħu. Ma ndumux għalhekk ma narawh jiddikjara gwerra kontra Venezja u jattakka 'l Ċipru. Nikosija u Famagusta ġew meħuda minn idejn l-Insara li ġarrbu vendetti u massakri mill-ehrex. Għalhekk Papa Piju V beda jħabrek kemm jiflaħ biex jgħaqqad 'il-pajjiżi Nsara kontra t-Torok ħalli jrażżnuhom u ma jħallux lill-Ewropa taqa' taħt idejhom. Spanja, Venezja, l-Ordni u d-Duka ta' Savoja laqgħu lkoll il-proposti tal-Papa u, fl-20 ta' Mejju, 1571, sar l-aħħar ftehim dwar l-armata u l-għadd ta' xwieni li kellhom jitħejjew għal din it-taqbida.

Stampa Nru. XLI. — (Kwadru Nru. 68).



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Il-Port ta' Messina li fih tidher il-flotta nisranija qabel it-taqbida ta' Lepanto**

Ftit qabel ma ttieħdet din id-deċiżjoni, f'Lulju tas-sena ta' qabel, il-flotta ta' l-Ordni kienet ġarrbet wieħed mill-akbar diżastri bit-telfa ta' tlieta mill-erba' xwieni li kellha, fosthom ix-xini *Captana,* li kienet għadha tinbena.

B'danakollu l-Ordni rnexxielu jlesti u jarma żewġt ix-xwieni ġodda u f'Awissu ta' l-1571, fil-port ta' Messina, flimkien

mal-flotot tal-Papa, ta' Venezja, ta' Spanja u tad-Duka ta' Savoja kienet tinsab ukoll il-flotta ta' Malta.

Il-kittieba ta' l-istorja ftit jew xejn jagħtuna tagħrif fuq il-ħidma tal-flotta ta' l-Ordni fil-kors tal-Battalja ta' Lepanto, meta ma jinsewhiex u ma jħalluhiex barra għal kollox.

Imma l-vojt ta' l-istorja fuq il-ħidma tal-Kavalieri u ta' misserijietna f'din it-taqbida jimlih il-kwadru wegħda li dawn il-qalbiena devoti tal-Madonna ġew offrewlha fis-Santwarju tagħha ta' Ħaż-Zabbar wara r-rebħa miksuba bil-għajnuna tagħha (7).

L-ewwel ħaġa li tolqotna f'dan il-kwadru huwa n-numru tax-xwieni. Għalkemm l-Ordni ma bagħatx ħlief tlitt ixwieni, fil-wegħda msemmija l-bandiera ta' l-Ordni tidher tperper fuq numru akbar ta' xwieni. Naturalment mat-tlitt ixwieni li bagħat l-Ordni ssieħbu xwieni u bċejjeċ oħra ta' Kavalieri u ta' Maltin għonja bħalma nafu li sar f'ħafna okkażjonijiet oħra. U dan il-fatt insibuh imsaħħaħ bi kwadru li jinsab fil-mużew ta' l-istess Santwarju li fih tidher il-flotta kollha Nisranija fil-port ta' Messina qabel ma telqet għal Lepanto (8). Il-bandiera ta' l-Ordni f'dan il-kwadru tidher mhux fuq tlitt ixwieni biss imma fuq disgħa.

Jidher ukoll ċar mill-imsemmi kwadru wegħda illi fit-Taqbida ta' Lepanto ġiet fdata lill-flotta ta' Malta missjoni l-aktar importanti: il-missjoni tat-tkixxif li kienet tant meħtieġa biex tinkiseb ir-rebħa ta' l-Insara fuq il-qawwiet tan-nofs qamar. Ix-xwieni ta' l-Ordni, difatti, fl-imsemmi kwadru jidhru fil-Golf ta' Taranto biċċa minnhom ankrati, biċċa minnhom ġejjin minn Gallipoli u oħrajn ġejjin minn barra l-Golf sewwasew kif jiddeskrivihom Dal Pozzo.

Igħidilna, difatti, dan il-kittieb, illi qabel it-taqbida Dun Gwann ta' l-Awstrija, li kellu taħt idejh l-armata Nisranija, bagħat 'il-Kavalier ta' Malta, Gil d'Andrada, lejn il-Lvant biex jikseb xi tagħrif fuq il-għadu. Fis-16 ta' Settembru dan ġie lura bit-tagħrif kollu meħtieġ dwar il-flotta Torka speċjalment dwar l-inħawi fejn kienet qiegħda u dwar il-għadd u l-għamla

7. Ara l-kwadru Nru. 69 jew l-istampa Nru. 42 (XLII).

8. Ara l-kwadru Nru. 68, li jirrappreżenta l-flotta Nisranija qabel it-tluq lejn Lepanto. Dan il-kwadru fl-imgħoddi kien jappartjeni lill-familja Cachia tal-"Capo Mastro" li, kif jidher minn dan il-laqam, kellha fl-imgħoddi lil xi ħadd impjegat fuq il-flotta ta' l-Ordni bil-kariga ta' Capo Mastro. Il-lum jinsab fil-mużew tal-Knisja.

tax-xwieni lesti għat-taqbida. Wara dan il-vjaġġ Gil D'Andrada reġa' mill-ġdid ġie mibgħut minn Dun Ġwann ta' l-Awstrija biex ikompli jitkixxef fuq il-għadu. Fil-kors ta' dan it-tieni vjaġġ tat-tkixxif, ikompli jgħidilna l-istess Dal Pozzo, qamet tramuntana qawwija u l-flotta ta' l-Ordni fittxet il-kenn f'tarf il-Golf ta' Taranto, fejn ix-xini *Captana* ħabtet mal-blat u kienet sejra titfarrak. Minn dan il-post telqu xi xwieni lejn Gallipoli biex jimbarkaw xi nies għat-taqbida filwaqt li oħrajn telqu lejn Zante biex jerġgħu jitkixxfu fuq il-għadu.

Għalhekk fil-kwadru wegħda li semmejna nsibu l-isbaħ xhieda tas-sehem kbir li kellhom il-Kavalieri u misserijietna f'din it-taqbida u f'din ir-rebħa ta' l-Insara fuq il-qawwiet tan-nofs qamar, miksuba bil-għajnuna tal-Madonna.

Stampa Nru XLII. — (Kwadru Nru. 69).



PHOTO: GARZIA - ZABBAR

**Kwadru wegħda mogħti wara r-Rebħa ta' Lepanto. Tidher it-tempesta li ltaqgħet magħha l-flotta ta' l-Ordni fil-waqt li kienet qiegħda titkixxef fuq l-għadu.**

## BIŻA' TA' INVAŻJONI

Wara r-Rebħa ta' Lepanto l-flotta ta' l-Ordni waqfet xi ftit mill-ħidma tagħha ta' taqbid mal-flotta Torka, kemm minħabba l-ispejjeż tal-bini tal-Belt Valletta kemm minħabba l-biża' ta' xi invażjoni oħra; u għalhekk qagħdet twassal minn Sqallija ħażniet ta' munizzjon u ta' ikel. Ma nistagħġbux, għalhekk, jekk f'din l-epoka ma nsibux kwadri wegħda li jfakkru fit-taqbid tal-flotta ta' l-Ordni mal-flotta Torka.

## WARA L-BINI TAL-BELT VALLETTA

Meta tlestiet il-Belt Valletta, il-flotta ta' l-Ordni reġgħet bdiet tikkumbatti max-xwieni Torok li baqgħu jattakkaw artijiet Insara, jassaltaw għal għarrieda bliet u rħula, iħarbtuhom




PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

Stampa Nru. XLIII. — (Kwadru Nru. 56).

**Flotta torka kontra xini tal-Ordni. Dan il-kwadru ġie aktarx mogħti lill-Madonna wara r-Rebħa mirakuluża tal-1631 flimkien mat-tlitt xpruni tal-ħadid li jsemmi Dal Pozzo.**



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

Stampa Nru. XLIV. — (Kwadru Nru. 35).

**Kwadru wegħda mogħti b'ringrazzjament mill-ekwipaġġ tal-Ordni wara tempesta fil-Golf ta' Sidera.**

u xi drabi jeħduhom ukoll taħt idejhom. F'dan it-taqbid ifakkruna ħafna kwadri wegħda.

F'wieħed minnhom (9), mingħajr skrizzjoni, jidhru xwieni torok qegħdin jaħbtu għal xini tal-Ordni. Fieħor (10), tidher il-flotta ta' l-Ordni f'tempesta fil-Golf ta' Sidera, aktarx f'dik it-tempesta, li ġrat f'April ta' l-1606, meta t-tlitt ixwieni *Captana*, San Ġorġ u San Mikiel, tfarrku fuq ix-xtut tal-Gżira taċ-Cimbalo. Bi grazzja kbira, in-nies ta' fuqhom irnexxielhom jeħilsu mhux biss mill-għarqa imma mit-theddida wkoll tal-Mori ta' Tunes, li, kif ittendew bin-nawfraġju, ħarġu għalihom biex jattakkawhom; iżda dawn irnexxielhom jaqilgħu l-kanuni mix-xwieni mfarrka, u, minn fuq għolja, bdew jibbumbardjaw lill-għadu, li sofra telf kbir u kellu jerġa' lura (11).

Stampa Nru. XLV. — (Kwadru Nru. 25).




**Kwadru wegħda bid-data tal-1631 mogħti wara r-Rebħa miksuba mill-Kavalier Spirto de Revel fl-ibħra ta' Sfaqs.**

Kwadru ieħor wegħda ta' l-istess epoka, li jġib id-data ta' l-1631, jirrappreżenta t-taqbida tal-kavalier, Spirto del Revel, li, kif igħidilna Dal Pozzo (Vol. I, paġ. 801.), irnexxielu jattakka polakka Torka mgħobbija bil-merkanzija fl-ibħra ta' Sfaqs, jitla' fuqha bin-nies tiegħu u wara taqbida ħarxa jirbaħha (12).

9. Ara l-kwadru Nru. 56 jew l-istampa Nru. 43 (XLIII). Fuq ix-xini ta' l-Ordni tidher bandiera bajda bħala sinjal għall-ekwipaġġ biex inaqqas il-mixi ħalli x-xwieni tal-għadu jersqu jattakkaw.
10. Ara l-kwadru Nru. 35 jew listampa Nru. 44 (XLIV).
11. Dal Pozzo, Vol. I, pp. 507-515.
12. Ara l-kwadru Nru. 25 u Dal Pozzo Vol. I. p. 801.

## XINI KONTRA FLOTTA

Ifakkruna wkoll fit-taqbid ta' l-epoka li qegħdin insemmu l-ixpruni tal-ħadid mogħtijin lill-Madonna fl-istess sena (kif jixhed l-istess Dal Pozzo) mill-kavalier, Fra Gio Girolamo de Gallean Castel Nuovo. Kif dan il-kavalier kien qed ibaħħar fuq daqsxejn ta' tartana, qrib Capo Bianco, f'Ċipru, sab ruħu f'daqqa waħda attakkat u mdawwar minn tmien xwieni tal-Bej ta' Rodi. Taħt idejh kellu biss madwar 90 Malti u xi ftit Kavalieri. Ma kenitx tidher ħaġa possibbli li b'forza hekk żgħira jegħleb flotta sħiħa. Mill-banda l-oħra kien 'il bogħod wisq mix-xwieni l-oħra ta' l-Ordni biex jittama l-għajnuna minnhom. Flok ma fittex li jaħrab irrikorra lejn il-Madonna tal-Grazzji u, flimkien ma' sħabu, talabha biex tgħinhom. *"Domina omnium gratiarum"* beda kulħadd igħidilha, *"ora pro nobis"* — "Padruna tal-Grazzji kollha, itlob għalina". Bdiet, intant, it-taqbida u bdew jikkumbattu ma' l-għadu b'tant għaqal u kuraġġ illi wara għaxar sigħat taqbid aħrax irnexxielhom ireġġgħu lura waħda wara l-oħra lit-tmien xwieni li ppruvaw jattakkawhom.

Kemm il-Maltin kif ukoll il-Kavalieri raw biċ-ċar illi rebħa hekk kbira, li l-kittieba stess ta' l-istorja (12a) jsejħu "mirakuluża", ma setgħetx tinkiseb jekk mhux bil-għajnuna ta' l-Omm tal-Grazzji. Għalhekk x'ħin reġgħu lura lejn Malta ħassew li għandhom jiġu jirringrazzjawha fis-Santwarju tagħha u, biex iż-żmien ma jnessix din il-ġrajja, offrewlha t-tliet xpruni tal-ħadid ta' l-għadu li fit-taqbida baqgħu mwaħħlin mat-tartana tagħhom (13). Aktarx f'din l-okkażjoni wkoll ġie mogħti l-kwadru wegħda Nru. 56, (Stampa 43), li fih jidhru xwieni torok qegħdin jaħbtu għal xini tal-ordni.

## TAQBID IEĦOR

Fl-1641, il-flotta ta' l-Ordni rnexxielha tattakka tliet xwieni Torok u tirbaħhom it-tlieta u fis-sena ta' wara rnexxielha tagħti n-nar lill-vaxxell ta' l-għadu fil-Golf ta' Tripli u tirbaħ fregata Tripolina. F'dan it-taqbid ifakkruna l-pjaneti u l-ventaltari mogħtijin lill-Madonna mill-aħwa Cottoner, li f'dan iż-żmien kienu Kaptani tax-xini, S. Lorenzo.

---

12a. Dal Pozzo. Lib. XII paġ. 800.
13. Arkivju Parrokkjali "Memoriae" Paġ. 17. Dal Pozzo Vol. I, Paġ. 800. Ara wkoll l-istampa Nru. 43 (XLIII).

## REBĦA TAL-GALJUN TAS-SLATEN

F'Settembru ta' l-1644 saret taqbida bejn sitt xwieni ta' l-Ordni u l-flotta tas-Sultan Ibrahim, li kienet tikkonsisti f'galjun kbir magħruf bħala "Galjun tas-Slaten" u f'ħafna vaxxelli iċken. Il-galjun kien mgħobbi b'ħafna oġġetti prezzjużi u kienet qiegħda tivvjaġġa fuqu l-mara tas-sultan b'tarbija. Il-flotta ta' l-Ordni attakkat 'il-flotta Torka qrib Kreta u wara

Stampa Nru. XLVI. — (Kwadru Nru. 23).



PHOTO: THE ROYAL STUDIO - VAL.

**Kwadru wegħda mogħti aktarx wara t-taqbida tal-1644 li fiha ġie mirbuħ il-"Galjun tas-Slaten" li fuqu kien hemm it-tifel tas-Sultan Ibrahim li wara sar Patri Dumnikan.**

taqbida ta' ħames sigħat irnexxielha tirbaħ u tieħu l-galjun il-kbir filwaqt li l-bċejjeċ l-oħra tawha kollha għall-ħarba.

L-irsiera Nsara li kienu fuq il-galjun ġew meħlusa u l-oġġetti kollha ta' fuqu ġew mibjugħin fuq ix-xtut tal-gżira filwaqt li t-tarbija ġiet meħuda biex tiġi mrobbija Malta. Billi t-tarbija kienet tifel, meta kiber sar Patri Dumnikan bl-isem

ta' Padre Tomaso Ottomano (14). Din it-taqbida tidher ukoll f'wieħed mill-kwadri wegħda (15).

## BIŻA' TA' INVAŻJONI

It-telfa ta' l-imsemmi galjun ma setgħetx ma tkebbisx bil-korla lis-Sultan Ibrahim, li minnufih beda jaħseb u jipprepara għall-gwerra.

Kulħadd beda jistenna li jara xi attakk qawwi fuq Malta sieħeb dak ta' l-1565; u dan stennewh iżjed minn kulħadd il-Kavalieri li bdew iħabirku biex iġibu lejn Malta provvisti kbar ta' ikel u ta' materjal ta' gwerra. Irnexxielhom ukoll jipper-swadu 'l-Papa biex iħejji xi eżerċiti fl-Italja ħalli x'ħin ikun il-waqt jibgħathom għall-għajnuna. Fl-istess ħin bdew jiġu me-ħudin lejn Sqallija dawk in-nies kollha li ma kenux jiswew għat-taqbid, jiġifieri, it-tfal, ix-xjuħ u l-morda.

Min jaf l-imsejkna Maltin (fil-kors ta' dawn il-preparamen-ti) kemm bdew jitolbu 'l-Madonna biex teħlishom minn għadu tant qawwi u tant aħrax!

U nstema' tabilħaqq it-talb tagħhom, għaliex f'Lulju ta' l-1645 il-flotta Torka, flok ma resqet lejn Malta kif kien misten-ni minn kulħadd, attakkat il-gżira tal-Kandja.

## GWERRA TAL-KANDJA

Dan ma jfisserx illi Malta riedet tibqa' barra mit-taqbida u taħseb biss għal rasha. Għal 25 sena sħaħ — għax daqshekk da-met il-gwerra tal-Kandja — narawha tgħin lill-Venezjani u tib-għat 'il-flotta fl-ibħra tad-Dardanelli biex tgħasses għall-flotta

---

14. De Hammer Storia Ottomana Vol. XIX, Paġ. 112.

15. Ara l-istampa Nru. 46 (XLVI). Għalkemm dan il-kwadru ma fihx skrizzjoni imma l-ittri biss V.F.G.A., billi nafu li ġie mogħti lill-Madonna fl-epoka li qegħdin insemmu u billi kull ma naraw fih jaqbel perfettament ma' dak li jgħidilna fuq l-imsemmija taqbida Mario Nani Mocenigo, kit-tieb ta' l-istorja Venezjana, nistgħu faċilment naslu fil-konklużjoni illi ġie mogħti b'wegħda wara din it-taqbida. Difatti, f'dan il-kwadru naraw il-gżira tal-Kandja, żewġ xwieni kbar Torok għaddejjin quddiemha u xwieni ta' l-Ordni f'daħla mwarrba 'l bogħod mill-portijiet ta' dil-gżira. Igħidil-na, issa, 'il fuq imsemmi kittieb illi l-Kavalieri, wara r-rebħa ta' l-imsem-mi galjun Tork, żbarkaw l-irsiera meħlusin u biegħu xi oġġetti maqbuda f'daħliet imwarrba 'l bogħod mill-portijiet prinċipali (*Storia della Marina Veneziana da Lepanto alla caduta della Republica*).

Torka u ma tħallihiex twassal fil-gżira tal-Kandja nies u rifornimenti.

F'dan iż-żmien Malta kienet taħt it-triġija għaqlija tal-Gran Mastru Lascaris li kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna tal-Grazzji. Ta' spiss kien jiġi jagħmlilha xi żjara f'dan is-Santwarju tagħha u jitlobha biex tħares 'il-flotta li tant kellu għal qalbu u tgħin in-nies ta' fuqha fit-taqbid ma' l-għadu.

Il-Madonna semgħetu bħalma deher ċar fir-rebħa tad-Dardanelli.

## REBĦA TAD-DARDANELLI

F'Ġunju ta' l-1656 il-flotot magħqudin ta' Malta, ta' Venezja u tal-Papa rnexxielhom jitqabdu mal-flotta ta' l-għadu u jiksbu fuqha rebħa li baqgħet tissemma u li kompliet għolliet il-ġieh ta' Malta u tal-flotta tagħha.

Il-flotta ta' l-għadu, li kienet tgħodd id-doppju tax-xwieni tal-flotot magħqudin Insara, kienet ħierġa mill-Kanal tad-Dardanelli biex twassal proviżjonijiet u rinforzi fil-Kandja. Il-flotta

Stampa Nru. XLVII.



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Il-Magħrufa rebħa tad-Dardanelli tal-1565 li fiha ħadet sehem kbir il-flotta tal-Ordni. Aktarx wara din ir-Rebħa ġie mogħti lill-Madonna l-istendard li jissemma fil-"Memorji" Paġ. 17.**

Nisranija ddeċidiet li żżommha u għalhekk marret għal fuqha. Il-bċejjeċ iż-zgħar Torok bdew jiftħu n-nar biex ireġġgħu lura lill-flotta Nisranija; imma din irrispondiet b'tant ħeffa u b'tant qawwa li dawn il-bċejjeċ Torok kellhom jerġgħu lura u jippruvaw jieħdu kenn taħt il-fortizza ta' l-Anatolja li bin-nar tagħha bdiet tipprova tiddefendihom. Il-flotta Nisranija baqgħet sejra għal warajhom tiftaħ bla waqfien in-nar fuqhom u, billi dawn resqu lejn l-art iżżejjed, sabu ruħhom ilkoll inkaljati. Il-bċejjeċ il-kbar marru jaqilgħuhom. Il-flotta, allura, ta' l-Ordni resqet f'daqqa waħda biex iddawwar lill-għadu u taqtagħlu t-triq għall-ħarba. Ix-xwieni ta' Venezja u tal-Papa mxew fuqha u għamlu bħalha. Wara taqbida ħarxa, li fiha kellhom l-akbar sehem il-Maltin u l-Kavalieri, il-flotta Torka ġiet imħarbta u mfarka u bl-eċċezzjoni ta' 14-il biċċa li rnexxielhom jaħarbu, il-bqija ġew kollha maħruqa, maqbuda jew imgħarrqa.

Ir-rebħa tal-flotta Nisranija ssemmiet ma' kullimkien u kulħadd għaraf u stqarr li saret bil-ħila tal-Maltin u tal-Kavalieri li mexxew il-pjan tal-battalja u li tilfu l-akbar għadd ta' nies: 400 mejtin u 100 feruti. F'din it-taqbida ġew liberati 7,000 Nisrani, li kienu rsiera fuq ix-xwieni tat-Torok (2,560 minnhom ġew Malta) u ġew meħudin kwantità ta' xwieni. Lil Malta missha żewġ Maoni, Bastarda, u żewġt ixwieni barra minn numru ta' stendardi u ta' bandieri (16).

Meta wieħed jiftakar fid-devozzjoni li kellhom lejn il-Madonna tal-Grazzji l-Gran Mastru Lascaris u l-Ballju Fra Rafael Cottoner, li kien wieħed mill-inkarigati għalbiex jiġu organizzati l-festa wara r-rebħa msemmija, wieħed għandu jippretendi li jsib fis-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar xi tifkira ta' rebħa hekk kbira.

L-istandardi, imbagħad, kienu wisq adattati għalbiex jiġu mogħtijin b'radd ta' ħajr lill-Madonna. Jissemmew stendardi mogħtijin lill-Madonna f'inventarju ta' l-1679, 23 sena wara r-rebħa tad-Dardanelli. Wieħed minn dawn l-istandardi nafu li kien Tork u ta' kulur aħmar. Għalhekk huwa probabbli li dan ġie mogħti wara r-rebħa msemmija. Huwa wkoll probabbli li l-vent'altar u l-pjaneti bl-arma ta' l-aħwa Cottoner li jissemmew fl-inventarji ta' l-1679 u ta' l-1699 (17) ġew mogħtijin lill-Madonna minn dawn il-membri ta' l-Ordni wara din ir-rebħa.

---

16. Librerija Pubblika, MS 309.

17. Arkivju Parrokkjali, Memorie p. 21.

Stampa Nru. XLVIII.
— (Kwadru Nru. 36).

**Kwadru weghda moghti mill-ekwipaġġ tal-Galera Magistrale aktarx fl-1657.**



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

Ir-rebħa tad-Dardanelli ma setgħetx ma timlix bil-kuraġġ lill-Maltin u 'l-kavalieri, li narawhom jibqgħu jingħaqdu bil-flotot l-oħra ta' Venezja u tal-Papa ta' kull darba li kienu jkunu jafu b'xi ċaqliq tal-flotta Torka ħdejn il-Gżira tal-Kandja bl-iskop li twassal xi rifornimenti.

## TAMA TA' REBĦA OĦRA

Għeluq is-sena tar-rebħa li semmejna l-flotta Nisranija ppruvat tirrepeti l-manuvra tas-sena ta' qabel; u l-flotta ta' l-Ordni kien diġà rnexxielha iġġiegħel 'il-bċejjeċ iż-żgħar Torok jinkaljaw taħt il-fortizza tad-Dardanelli. Imma din id-darba x-xwieni l-kbar Torok, flok ma marru jippruvaw jaqilgħuhom u jiġbduhom, dabbru rashom biex jevitaw xi diżastru ieħor.

Din it-taqbida tidher fi kwadru weghda moghti lill-Madonna mill-ekwipaġġ tax-xini "Magistrale" (18).

## QERDA TA' FLOTTA SĦIĦA

Fis-sena 1668 il-flotta ta' l-Ordni rnexxielha tattakka u teqred, qrib Capo Bianco, vaxxell armat bi tletin kanun u l-flotta ta' Durlak Bej, li kienet tikkonsisti fi tnax-il galera. Ir-nexxielha wkoll fl-istess sena twassal battaljun Malti biex tgħin lill-Venezjani fit-taqbid li kellhom mat-Torok.

18. F'dan il-kwadru jidhru ħafna bċejjeċ żgħar Torok inkaljati, il-flotta ta' l-Ordni quddiemhom u bċejjeċ tal-flotta Torka qegħdin jirtiraw. Fuq waħda mix-xwieni ta' l-Ordni tidher il-bandiera ta' Lascaris li kienet tiġi mtella fuq il-galera "Magistrale".

B'radd ta' ħajr għal dawn is-suċċessi l-Kavalier Fra Giovanni Brulart, Kaptan tax-xini "San Nikola" (li ħadet sehem fit-taqbid li semmejna) offra lill-Madonna żewġ pjaneti rrakkmati bl-arma tiegħu, waħda bajda u l-oħra vjola. Dawn iż-żewġ pjaneti nsibuhom imsemmijin kemm fl-ispoll tiegħu ta' l-1671 kemm fl-inventarji ta' l-1679 u ta' l-1699, li jinsabu fl-arkivju tal-parroċċa (19).

## KONTRA L-VAXXELLI KURSARI

Billi fis-sena 1669 sar ftehim bejn il-Venezjani u t-Torok, il-flotta ta' l-Ordni ma baqgħetx tingħaqad iżjed mal-flotot l-oħra biex tattakka 'l-flotta Torka, imma narawha taħdem għal rasha, tgħasses għall-vaxxelli kursari li ma' tul il-gwerra tal-Kandja, billi ma kellhom 'il ħadd min ifixkilhom, kienu komplew jitqawwew u jiżdiedu.

F'din l-epoka l-flotta ta' l-Ordni kienet fl-aqwa tagħha u, meta kienet tattakka dawn il-vaxxelli kursari, li ħafna drabi kienu jkunu armati bis-sħiħ, kienet kważi dejjem tirbaħhom jew għallinqas tgħarraqhom.

## STENDARD TAL-ĠENERAL COLBERT

Ifakkarna fit-taqbid ta' din l-epoka stendard mogħti lill-Madonna mill-Ġeneral Colbert, fis-sena 1683, li kien fih ix-xbihat tal-Kunċizzjoni u ta' San Ġwann Battista u tliet armi (20). Dan l-istendard ġie mogħti lill-Madonna minn dan il-Ġeneral Franċiż wara r-rebħ miksub bil-għajnuna tagħha qrib Kap Santa Marija, fil-Calabria, fejn saret taqbida bejn xwieni ta' l-Ordni u żewġ fusti ta' Santa Maura (Torok), li ġew maqbuda, u fil-Golf ta' Cropani, fil-Calabria wkoll, fejn ġie maqbud vaxxell kursar bi tnejn u għoxrin Tork u, ħdejn Sardinja, fejn ġiet mirbuħa galjotta moreska bi tnejn u tletin ruħ fuqha. Fuq dan it-taqbid ġew miktubin żewġ kotba pubblikati Ruma fl-istess sena (21).

---

19. Arkivju Parrokkjali "Memorie" Paġ. 11 u 21.
20. Arkivju Parrokkjali "Memorie" Paġ. 27.
21. "Relazione del viaggio fatto in Levante dalla squadra della S. Religione Gerosolimitana sotto il comando dell'eccellentissimo signor Bailo e Capitan Generale Colbert" u "Nova e vera relazione della vittoria havuta dalle galere della Rel. di Malta contro tre vascelli turchesi d'alto bordo", Roma, Moneta, 1683.

## QAWMIEN TA' L-ISPIRTU TAL-KROĊJATI

F'dan iż-żmien reġa' beda jqum l-ispirtu tal-Kroċjati u l-flotta ta' l-Ordni reġgħet bdiet tissieħeb mal-flotot ta' Venezja, tal-Papa, ta' l-Imperu u tal-Polonja biex jiġu meħudin minn idejn it-Torok dawk il-pajjiżi li kienu waqgħu f'idejhom bħal Santa Maura, Prevesa, Corone, Navarrino l-ġdid u Navarrino l-qadim, Negroponte u Scio, Modone, Napli tar-Romanja, Patrasso u Castel Nuovo.

Wieħed wara l-ieħor dawn il-postijiet reġgħu waqgħu kważi kollha taħt idejn l-Insara.

Stampa Nru. XLIX. — (Kwadru Nru. 34).

**Kwadru wegħda mogħti mill-ekwipaġġ tal-flotta tal-Ordni wara t-tempesta tal-1696.**



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

## L-GĦARQA TAS-"SAN ALESSANDRO" (22)

F'dan it-taqbid ifakkarna kwadru wegħda ta' l-1696, mogħti lill-Madonna wara tempesta li fiha għerqet waħda mix-xwieni tal-Papa, is-"San Alessandro".

F'dan il-kwadru jidhru erba' galeri tal-Papa bl-arma ta' Innoċenzju XII (Pignatelli) u sitt galeri ta' Malta, u fuqhom tidher il-Madonna bejn San Ġwann u San Pietru. Mill-iskrizzjoni u mid-data tas-16 ta' Ottubru, 1696, jidher illi ż-żewġ flotot ta' Malta u tal-Papa ltaqgħu ma' tempesta n-naħa ta' Capo

22. Ara l-kwadru Nru. 34 li fuqu naqraw din l-iskrizzjoni "V.F.G.A. A DI XVI 8. bre, 1696: LA TEMPESTA SOPRA CAPO — COLONNI ALLORA CHE — RITORNAVA DALL'ARMATA VENE — TA LA SQUADRA DI MALTA-CON LA PONTIFICIA, ESSEN — DO ANDATA ATTRAVERSO — LA GALERA PATRONA PA — PALINA."

Colonni filwaqt li kienu ġejjin lura minn taqbid mal-flotta Torka.

Fuq din it-tempesta jagħtina tagħrif il-Ġeneral tal-Flotta ta' l-Ordni, Fra Sigismondo Conti, ta' Thun, fil-manifest maħruġ f'din l-istess okkażjoni (23). Filwaqt li dawn iż-żewġ flotot ta' Malta u tal-Papa, igħidilna dan il-Ġeneral, kienu ġejjin lura minn taqbid li sar qrib Corinto u kienu qegħdin joqorbu lejn Capo Colonni, f'daqqa waħda bdew jonfħu tlitt irjiħ kontra xulxin li ġiegħluhom jieqfu, iniżżlu l-qlugħ u jitfgħu l-ankri f'nofs ta' baħar. Ma' tul il-lejl il-baħar beda jitqawwa u ġie deċiż li x-xwieni kollha jtellgħu l-ankri u jmorru għall-kenn wara Capo Colonni. Fi kwarta ta' siegħa x-xwieni ta' l-Ordni kienu kollha f'posthom. Imma waħda mix-xwieni tal-Papa, is-"San Alessandro", ma dehritx ma' sħabha. L-ekwipaġġi tax-xwieni "San Pietro", "San Giovanni" u "Magistrale" ndunaw f'liema periklu kienet din il-galera tal-Papa u għamlu minn kollox biex ifehmu u jipperswadu l-ekwipaġġ tagħha biex jaqta' l-ankra li weħlitilhom. Iżda kien kollu ta' xejn għax, x'ħin ħarġu xi bċejjeċ żgħar biex ifittxuha u jaraw x'sar minnha, sabu illi diġà kienet għerqet bin-nies kollha ta' fuqha.

## KONTRA L-PIRATI

Fi Frar ta' l-1699 saret mill-ġdid il-paċi bejn it-Torok u l-Venezjani, u għalhekk il-flotta ta' l-Ordni reġgħet bdiet taħdem għal rasha u tgħasses għall-kursari li fil-kors tal-gwerer fil-Lvant, billi ma kellhom lil ħadd min ifixkilhom, kienu komplew jissaħħu u jiżdiedu.

## SENA TA' DISGRAZZJI

Fil-kors ta' din il-ħidma kienu ta' spiss isibu ruħhom filperiklu tat-tempesti.

L-iżjed sena li baqgħet tissemma għat-tempesti u għaddisgrazzji kienet is-sena 1700. B'din id-data, fis-Santwarju tal-Madonna, insibu żewġ kwadri wegħda mogħtijin mill-ekwipaġġi ta' l-"Iskwadra Desolata", bħalma jsejjaħ il-flotta l-Ġeneral Fra G. B. Spinola, li ra lil ħuh jintilef u jegħreq f'waħda minn dawn it-tempesti.

---

23. Arkivju ta' l-Ordni Vol. 1771 p.p. 97-106.

F'wieħed minn dawn il-kwadri (24), wegħda ta' l-ekwipaġġ tal-galera "San Luigi," jidhru x-xwieni "San Luigi", "Sant Antonio", "Santa Marija", "Magistrale" u "San Paolo" fit-tempesta ta' Frar ta' din is-sena fl-inħawi tal-gżejjer Correnti. Din it-tempesta, kif naqraw fir-relazzjoni tal-Kaptan tax-xini, "Sant Antonio" (25), firdet ix-xwieni minn xulxin u damet sejra mit-18 sat-22 ta' Frar, u tant kienet qawwija li, meta dawn ix-xwieni daħlu fil-portijiet ta' Sqallija, saritilhom laqgħa mill-isbaħ u festi kbar billi kulħadd kien għamilhom għerqu. L-unika xini li ma rriturnatx kienet ix-xini *"Captana"*, li, wara li

Stampa Nru. L. — (Kwadru Nru. 64).

**Kwadru wegħda mogħti mill-ekwipaġġ tax-xini San Luiġi wara l-ħelsien mill-għarqa.**



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

waqfet it-tempesta, kif kienet qiegħda taħbat għal vaxxell kursar, infetħitilha l-pruwa u għerqet bit-telf ta' ħafna Maltin u Kavalieri.

Fi kwadru ieħor, li jġib id-data tat-18 ta' Mejju, 1700 (26), jidhru l-ħames galeri f'tempesta ftit qabel l-għarqa tal-galera, "San Paolo", ħdejn il-Gżira ta' Lustica (27).

---

24. Ara l-kwadru Nru. 64 li fuqu naqraw din l-iskrizzjoni: "VOTO DELL' ARMO DELLA GAL. S. LUIGI COMAND. a DALL'ILLmo SIG. CAV. FR. D. MAZZEO GRUGNO P. IL PERICOLO DI TRAVERSA IN PORTO CHIERI NELL'ISOLA DI ZANTE SOTTO LI XX FEBRro. 1700".

25. Arkivju ta' l-Ordni Vol. 1771.

26. Ara l-kwadru Nru. 3 li fuqu naqraw din l-iskrizzjoni: "LA GRAN TEMPESTA OCCORSA LI 18 DI MAGo. 1700. V.F.G.A."

27. Il-galera "San Paolo" għerqet fil-5 ta' Ġunju, 1700.




Stampa Nru. LI.
— (Kwadru Nru. 3).

Il-flotta ta' l-Ordni fit-tempesta tat-18 ta' Mejju, 1700: weghda tal-ekwipaġġi.

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

Fis-sena 1704 insibu żewġ kwadri weghda oħra li fihom jidhru x-xwieni ta' l-Ordni f'tempesta filwaqt li dawn kienu qegħdin iwasslu xi provvisti minn Sqallija għal Malta. F'wieħed minn dawn il-kwadri tidher il-galera, "San Giovanni," weħidha (28) donnha qiegħda tegħreq, weghda, naturalment, ta' l-ekwipaġġ tagħha meħlus mill-għarqa bl-interċessjoni ta' l-Omm tal-Grazzji. Fl-ieħor (29) jidhru l-gżejjer ta' Malta u Għawdex u xi xwieni ta' l-Ordni f'tempesta bejn dawn iż-żewġ gżejjer, weghda ta' l-ekwipaġġ tal-galera, "San Raimondo".

## ĦIDMA TAL-FLOTTA WARA L-1700

Intant l-attività tal-flotta ta' l-Ordni bdiet tonqos. Billi l-flotta Torka ma kenitx għadha qawwija bħal qabel, il-bżonn ta' flotta kbira u qawwija ma baqax jinħass iżjed. Mill-banda l-oħra l-Ordni kien wasal fi ftehim ma' ħafna reġġenzi tal-Barberija bħall-Marokk u Tripoli. Anki l-kursari bdew jonqsu billi kienu qegħdin jgħassu għalihom anki l-flotot ta' pajjiżi oħra. Għalhekk il-vaxxelli bdew jiġu mnaqqsa u mibjugħin lir-Re ta' Napli u lir-Re ta' Spanja. B'danakollu niltaqgħu anki f'din

28. Ara l-kwadru Nru. 1, li fuqu naqraw din l-iskrizzjoni: "CORSA DELLA S. GIOni MAGI le DALLA VISTA DI MALTA ALLI GOZZI DI CAND ...LI 9 FEBRARO 1704. Il-Kaptan ta' din ix-xini f'din l-okkażjoni kien Filippo De Tavora.

29. Ara l-kwadru Nru. 18, li fuqu naqraw din l-iskrizzjoni: "FATTO DEL ARMAo ... GALERA S. RAIM. ALLI 4 DEL MESE DI ... 1704. Il-Kaptan ta' din ix-xini f'din l-okkażjoni kien Enrico Roggiero deGaller.

Stampa Nru. LII. — (Kwadru Nru. 1).



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Ix-xini San Ġiovanni f'tempesta: wegħda tal-ekwipaġġ.**

l-epoka ma' wegħdi li jfakkruna fil-ħidma tal-flotta ta' l-Ordni kontra l-kursari.

Fir-Rivista "Archivio Storico" ta' l-1931 insibu msemmija l-"*Captana*" u "Santa Marija" fil-kwadru wegħda tas-27 ta' Novembru ta' l-1721 (30).

Fi kwadru ieħor wegħda li jġib id-data tad-19 ta' Diċembru, 1730, wegħda tal-vaxxell, "San Antonio di Padova", tidher il-flotta ta' l-Ordni f'tempesta li qabditha qrib Marsaxlokk fil-waqt li kienet ġejja lura minn ħidma kontra l-kursari. Fil-

30. Archivio storico 1931 Paġ. 227. Dan il-kwadru, li kien ra l-istess Ettore Rossi, il-lum ma għadu jidher imkien.

kwadru tidher ukoll ix-xbiha tal-Madonna, l-arma tal-Kavalier Massimiliano Roero u l-isem ta' Fra Giacomo de Guinebaud, li kieṅ il-Kmandant tal-flotta (31).

Stampa Nru. LIII. — (Kwadru Nru. 18).



PHOTO: THE ROYAL STUDIO - VAL.

**Ix-xini San Raimondo f'tempesta qrib Malta: weghda tal-ekwipaġġ.**

Fi kwadru ieħor li jġib id-data tat-18 ta' Diċembru, **1730**, tidher il-galera, "San Luigi" (32). Fuq dan il-kwadru naqraw din l-iskrizzjoni: "Essendo di ritorno dalla Sicilia a Malta la squadra delle galere di questa Sacra Religione per insorta tempesta sotto il Commando dell'Ecc.mo. Capitan Generale Fra Luigi.laij (de Froullay) la Galera San Luigi Comandata dall' Ill.mo Sig. Capitano Gio Philippo Maruscelli fece un voto alla Beatissima Vergine sotto titolo della Gratia alli 8 Xbre **1730**, V.F.G.A."

31. Ara l-kwadru Nru. 22, li naqraw fuqu din l-iskrizzjoni: "RICORSO A NOSTRA SIGNra. DELLA GRATIA DALL'ARMAMENTO DELLA GALERA St. ANTo di PADOVA PADRONA SOTTO IL COMANDO DEL ILLmo SIGr CAPo F. FRA. GROSTIERE PER LE FORTUNE PATITE SOTTO L'ISOLA DI MALTA NELL'ACQUE DI MARSASCIROCCO LI 19 DICEMBRE L'ANNO 1730. V.F.G.A."

32. Ara l-kwadru Nru. 72. Mil-"Liber Conc. Status" Nru. 268 jidher illi fit-3 ta' Novembru din il-galera ġiet mibgħuta biex tgħasses għall-kursari.

Stampa Nru. LIV.
— (Kwadru Nru. 9).

**Taqbida qrib Schiato' bejn il-flotta tal-Ordni u Galjun tork kbir.**



PHOTO: THE ROYAL STUDIO - VAL.

Fi kwadru ieħor, bid-data ta' Novembru ta' l-1735 (33), jidhru x-xwieni ta' l-Ordni qegħdin jaħbtu għal galjun kbir Tork qrib il-Gżira ta' Schiatò. Billi l-kwadru kien imqatta', l-iskrizzjoni fiha xi kliem nieqes u ma tiftiehemx. Mill-banda l-oħra, fl-arkivju ta' l-Ordni, ma nsibu l-ebda relazzjoni dwar din it-taqbida. Iżda mid-data, li tinqara sewwa, u mill-istruzzjoni tal-Kummissarju tal-flotta, li naqraw fil-"liber Conc. Status Nr. 268", nistgħu ngħidu illi x-xwieni li jidhru huma s-"San Antonio", is-"San Giorgio" u s-"San Vincenzo," li kienu taħt il-kmand tal-Balì Fra Giacomo Francesco de Chambray; u li t-taqbida li tidher saret fil-kors tal-vjaġġ li dawn ix-xwieni kellhom jagħmlu max-xtut ta' Sardinja u tal-Barberija biex jgħassu għall-kursari.

F'wegħda oħra ta' l-ekwipaġġ tal-galera, "San Luigi", naqraw illi fil-5 ta' Mejju, 1745, l-imsemmija galera ħelset mill-għarqa fil-kors ta' tempesta li ltaqgħet magħha fil-Kanal tal-Favignana (34).

---

33. Ara l-kwadru Nru. 9 li naqraw fuqu din l-iskrizzjoni: "ISOLA DI SCHIATO" A LI ... NOVEMBRE, 1735, ESSENDO ALLA FONDA IL CAP. CAV. FRA D. GIACOMO GAROFALO; EBBE ... TA LA CACCIA ... ALIVANTE V.F.G.A.

34. Ara l-kwadru Nru. 75 li fuqu naqraw dawn iż-żewġ skrizzjonijiet: "A DI 9, 10 Mago: VOTO FATTO DELLI VOLONTARI DELLA GALERA DI S. LUIGI PER LA GRAN TEMPESTA DEL CANALE DELLA FAVIGNANA 1745." "SOCESSO... GALERA... S. LWIGI ALLI 5 MAGGIO ORI ... DELLA MAT... LANNO 1745."

Skond l-istruzzjoni tal-Kummissarji tal-flotta, fis-17 ta' April ta' l-1745, il-galeri u n-nofs galeri taħt il-kmand ta' Fra Dr. Fabrizio Ruffo kellhom joħorġu jgħassu n-naħa tan-Nofsinhar ta' Sqallija għall-flotta Torka, mibgħuta minn Tunes biex tattakka bċejjeċ tal-kummerċ Insara. Għalhekk it-tempesta li minnha ġew meħlusin l-ekwipaġġi qabdithom fil-kors ta' din il-ħidma kontra l-flotta Torka.

Skond struzzjoni oħra ta' l-istess kunsill tal-11 ta' Mejju ta' l-1746, il-galera, "San Giovanni", kellha toħroġ tgħasses għall-kursari minn Marsilja sa Toulon (35) taħt il-kmand tal-Kaptan Fra Giacomo Francesco De Combreux. Kwadru wegħda (36) b'din id-data jurina li anki fil-kors ta' din il-ħidma qamet tempesta li minnha x-xini msemmija ġiet meħlusa bil-għajnuna tal-Madonna.



Stampa Nru. LV. — (Kwadru Nru. 75).

**Kwadru wegħda mogħti mill-ekwipaġġ tal-Galera "San Giovanni" wara t-tempesta ta' April, 1750.**

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

Fl-1750 insibu wegħda oħra ta l-ekwipaġġ ta' l-istess xini, "San Giovanni" (37), li b'digriet tal-kunsill ta' l-5 ta' April kellha toħroġ tgħasses taħt il-kmand ta' l-istess kaptan ma' tul ix-xtut Pontifiċji u x-xtut ta' Barberija u ta' Tripli. Fil-kors ta' din il-ħidma sabet ruħha mill-ġdid fil-periklu ta' l-għarqa imma salvat, anki din id-darba bil-għajnuna tal-Madonna.

Fis-sena 1756 insibu wegħda oħra ta' l-ekwipaġġ tal-Polakka "S. Anna". Billi ma nsibu xejn iżjed miktub f'dan il-kwadru ħlief is-sena u l-ittri V.F.G.A., li juru li ġie mogħti b'wegħda,

35. Liber Conc. Status 269.
36. Ara l-kwadru Nru. 5.
37. Ara l-kwadru Nru. 15 u l-istampa Nru. 56 (LVI). Ara wkoll il-liber. Conc. Status 269.

Stampa Nru. LVI. — (Kwadru Nru. 15).



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Kwadru weghda moghti mill-ekwipaġġ tal-Galera "San Luigi" wara t-tempesta tal-5 ta' Mejju 1745.**

ma nistgħux ngħidu jekk ġiex mogħti wara r-rebħa miksuba mill-flotta ta' l-Ordni f'din is-sena, meta ġew meħudin sitt bastimenti Alġerini, jew f'xi okkażjoni oħra.

F'Ottubru tas-sena 1761, billi kellhom joħorġu l-pirati ta' Tripli, ħarġet għalihom ix-xini, "San Giovanni," taħt il-kmand tal-Kavalier Ant. D'Abreu, li kellha tgħasses minn Cap Spartevento sa Cap Misurata. Fil-kors ta' din il-ħidma din ix-xini ltaqgħet ma' tempesta; imma bl-interċessjoni tal-Madonna ħelset mill-għarqa. Għaldaqstant l-ekwipaġġ tagħha offra kwadru lill-Madonna bid-data tas-27 ta' Novembru ta' l-istess sena, li fih tidher din ix-xini fil-periklu ta' l-għarqa (38)

Bid-data ta' l-1773 tidher weghda oħra b'xini f'tempesta oħra.

Fis-sena 1784, insibu kwadru weghda ieħor li fih tidher xini b'bandiera bl-arma tal-Gran Mastru De Rohan. Billi ma jidhirx l-isem tal-galera jew vaxxell, ma nistgħux ngħidu jekk dan

38. Ara l-kwadru Nru. 16, li fuqu naqraw id-data 27 9. bre. 1761.

il-kwadru ġiex mogħti wara r-rebħa li saret f'din is-sena mill-galeri ta' l-Ordni li ddistruġġew ħafna xwieni Alġerini fuq ix-xtut ta' Spanja, jew wara r-rebħa tal-vaxxelli, li fl-istess sena kkumbattew max-xwieni tal-Barberija filwaqt li kienu qegħdin jiddefendu l-flotta ta' Venezja li kienet fi gwerra ma' Tunes.

Il-ħidma tal-flotta ta' l-Ordni kienet issa għoddha spiċċat għal kollox u ma kenitx qiegħda sservi ħlief biex twassal provvisti u rifornimenti mill-kontinent għal Malta. Ma nistennewx, għalhekk, li nkomplu nsibu wegħdi li jfakkru f'taqbid ma' xwieni ta' l-għadu. B'danakollu, però, nibqgħu niltaqgħu anki f'din l-epoka ma' kwadri wegħda li jfakkru fil-ħelsien ta' xwieni ta' l-Ordni mill-għarqa. Wieħed minnhom iġib id-data tat-30 ta' Marzu, 1798.

Wara din is-sena l-Ordni ma kienx baqagħlu iżjed x'jagħmel ħlief li jservi ta' eżempju għall-ġenerazzjonijiet ta' wara biex meta jerġgħu jqumu kontra l-Knisja xi għedewwa ġodda, l-Insara jagħarfu jqumu fuq tagħhom biex jikkumbattuhom bħalma l-Kavalieri u misserijietna, megħjunin dejjem mill-Omm tal-Grazzji, ikkumbattew lill-qawwiet tan-nofs qamar.

B'dan l-iskop il-Gran Mastru ta' l-Ordni, il-Prinċep Ghigi, għoġbu, f'dawn il-ġranet, joffrilha stendard għall-okkazjoni ta' l-Inkurunazzjoni tagħha.

*"In te speraverunt patres nostri"*. Rajna biċ-ċar, o mimlija bil-grazzji, rajna biċ-ċar li, meta ttamaw fik, il-qalbiena Kavalieri u misserijietna ħarġu rebbieħa; u mill-wegħdi li dawn kienu joffrulek rajna minsuġa l-istorja ta' l-iżjed epoka glorjuża ta' gżiritna li jixirqilha bir-raġun tissejjaħ "Fortizza tal-Knisja". Dawn il-wegħdi jibqgħu jixhdu kemm waqaft magħhom, kemm għamilt għalihom, minn kemm perikoli ħlisthom, kontra liema għedewwa rebbaħthom, u jibqgħu jgħallmuna li lejk ukoll aħna għandna nirrikorru mhux biss fil-bżonnijiet materjali, mhux biss fil-mard u fil-għawġ, imma anki meta naraw 'il-qawwiet tad-dlamijiet jaħbtu għall-qawwiet tad-dawl, meta naraw eluf u eluf ta' Nsara mjassra taħt il-madmad tal-martell u tal-minġel; biex dawn l-imsejkna jiġu meħlusa minn dan il-jasar iebes li qed iċaħħadhom mil-libertajiet reliġjużi tagħhom u jkunu jistgħu ġurnata jegħilbu l-ateiżmu mingħajr Alla bħalma misserijietna fl-imgħoddi għelbu 'l-qawwiet tan-nofs qamar.

---

# STRANĠIERI DEVOTI TAL-MADONNA

Diġà tkellimna fuq id-devozzjoni tal-baħħara stranġieri lejn il-Madonna tal-Grazzji (1). Magħhom nistgħu nżidu ħafna stranġieri oħra, il-biċċa l-kbira nies prominenti: Prelati, Gran Mastri u membri oħra ta' l-Ordni.

## Prelati

**Papa Alessandru VII** — Nibdew il-lista bl-isem ta' dan il-papa li kien jismu Fabio Chigi. Mis-sena 1634 sas-sena 1639 kien

Stampa Nru. LVII.

**Papa Alessandru VII li offra pjaneta lill-Madonna.**



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

inkwiżitur ta' Malta, u fil-kors ta' din il-kariga seta' josserva kemm grazzji kienu jinqalgħu mingħand il-Madonna meqjuma fis-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar; grazzji ta' fejqan mill-mard, ta' ħelsien mill-jasar, minn epidemji, mill-għarqa u minn kull xorta ta' gwaj ieħor. Seta' josserva wkoll fl-istess santwarju mhux ftit wegħdi li jfakkru fit-taqbid u fir-rebħ tal-Maltin fuq it-Torok miksub bl-interċessjoni tagħha. Tant baqa' impressjo-

1. Ara Paġ. 25.

nat b'din ix-xita ta' grazzji, li minn dan is-Santwarju tagħha l-Madonna kienet ixxerred, illi baqa' jiftakar fiha anki wara li telaq minn Malta u sar papa. Narawh għalhekk jibgħatilha pjaneta bl-arma tiegħu li nsibuha msemmija f'żewġ inventarji antiki, wieħed ta' l-1679 (2) fejn insibuha mniżżla bħala "Pjaneta bajda tal-brukkat iffjurit bid-deheb bl-arma tal-Papa" u

Stampa Nru. LVIII.



PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

**Parti mill-inventarju magħmul bl-ordni tal-Isqof Molina fl-10 ta' Settembru 1679.**

*Questo quinterno contiene l'inventario delli beni stabili e mobili frutti, vendite, conti della chiesa parrochiale di C. Zabbar sotto titolo della Madonna delle Gratie fatto da me D. Matteolo Debono Coad della detta chiesa essendo presenti li procuratori d'essa G. Zammit e Filippo Vella per ordine e mandato dell'Illustrissimo e reverendissimo Monsignor Vescovo Fra Michel Geronimo Molina nella sua visita fatta li 10 7bre. 1679 che fu la Domenica 2a del mese cioe'.*

---

*Item una planeta di lama bianca attorniata di passamano e due righe in mezzo di fil d'oro e d'argento con l'arma in mezzo del NOSTRO PRINCIPE raccamata con fil d'oro similmente con sua stola e manipolo Item una pianeta d'imbroccato fiorito con oro e seta torchina, rosa e verde attorniata con passamano d'oro stretto con due righe in mezzo di passamano largo fatto d'oro, con l'ARMA PAPALE in mezo raccamata con oro con la sua stola e manipolo con le loro frangie d'oro.*
*Item una pianeta di damasco verde attorniata con frangia e passamano in mezzo di seta verde con l'arma raccamata di seta similmente con la sua stola e manipolo*

---

2. Dan l-inventarju sar bl-ordni ta' l-Isqof Molina. Ara l-"Memorji" paġ. 1 jew l-istampa Nru. 58 (LVIII).

l-ieħor ta' l-1699 (3) fejn insibuha mniżżla bħala "Pjaneta tal-brukkat ta' kuluri differenti fuq fond abjad *mibgħuta* mill-Papa Alessandru VII." Din l-offerta turi biċ-ċar kemm kienu għal qalb il-Papa x-xbiha u s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji.

**Kardinal Ruffo** —Kif naqraw fil-Memorji, "Memorji" tal-Knisja (4), fl-1702 ġiet mibgħuta lill-Madonna minn dan il-prelat torċa ffjurita. Il-Kardinal Ruffo kien ukoll inkwiżitur ta' Malta mis-sena 1694 sas-sena 1698, u seta' għalhekk josserva d-devozzjoni kbira tal-Maltin u tal-Kavalieri lejn il-Madonna tal-Grazzji u l-favuri bla għadd li dawn kienu jaqilgħu minn għandha. Din id-devozzjoni mpressjonatu u qanqlet fih ukoll qima u devozzjoni u għalhekk wara li telaq minn Malta baqa' jiftakar fiha.

Stampa Nru. LIX.



*Inventario delli giocali d'argento e supellettili della Venda Chiesa Parrocchiale sotto titolo di Maria delle Gratie di Casal Zabbar renovato d'ordine di Mons: Illmo Revmo. Fra Davide Cocco Palmieri nella usa visita di detta chiesa a di X Giugno* 1699.

1. *Una Pianeta di broccato di diversi colori con fondo bianco con sua stola e manipolo mandata da Papa Alessandro 7 con sue armi fornita di trina d'oro con frangetta attorno.*
2. *Item una pianeta di lama bianca con sua stola e manipolo con trina d'oro depertutto attorno con l'arme di Cottoner.,*

PHOTO: EXPRESS - PAWLA.

**Parti mill-inventarju magħmul bl-ordni ta' l-Isqof Cocco Palmieri fl-10 ta' Ġunju 1699.**

3. Dan l-inventarju sar bl-ordni ta' l-Isqof Cocco Palmieri. Ara l-"Memorji" jew l-istampa Nru. 59 (LIX).
4. Ara l-"Memorji" paġ. 27 (wara).

# Gran Mastri

**L'Isle Adam** (A.D. 1521-1534) — Fil-"Memorji" tal-knisja tissemma fost l-abiti sagri antiki pjaneta ħadra tal-bellus li kellha fuqha arma bi *driegħ bil-maniplu.* Billi din l-arma ma setgħetx tkun ħlief ta' L'Isle Adam nistgħu ngħidu li din il-pjaneta ġiet mogħtija minnu jew bħala sempliċi offerta jew b'ringrazzjament wara xi grazzja, forsi wara r-rebħ ta' Modone jew ta' Tagiura miksub fi żmienu, li kienu l-ewwel provi ta' l-għajnuna li l-Madonna tal-Grazzji kienet fiħsiebha tagħti lill-kavalieri u lil misserijietna fil-ħidma tagħhom kontra l-qawwiet tan-nofs qamar.

Stampa Nru. LX.



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Il-Gran Mastru L'Isle Adam li nsibu l-arma tiegħu fuq pjaneta li tissemma fl-inventarju ta' l-1699.**

**Alofio de Wignacourt** (A.D. 1601-1622)—Isem dan il-Gran Mastru niltaqgħu miegħu fl-ewwel reġistru tal-magħmudijiet billi kien il-parrinu ta' l-ewwel tarbija li tgħammdet fil-parroċ-

ċa. L-armi tiegħu għalhekk jidhru mħaffrin fl-ewwel fonti tal-magħmudijiet li għadu jidher fil-mużew tal-parroċċa, u mpinġuta fl-ewwel fidi tal-magħmudija u fuq is-suġġetta li ġiet regalata m'ilux mill-Imħallef Schembri biex bil-preżenza tagħha tkompli tfakkar fil-qima li dan il-Gran Mastru kellu lejn il-Madonna tal-Grazzji. Dwar xi donazzjonijiet li dan il-Gran Mastru seta' għamel lis-Santwarju ma nistgħu ngħidu xejn. Nafu biss li fl-1679 kienu għadhom jeżistu pjaneti u kapep bl-arma ta' membri ta' l-Ordni, mogħtijin għalhekk minn xi Gran Mastri jew xi kavalieri, li kienu tant antiki li fl-1699 kienu diġà tmermru u spiċċaw għal kollox għaliex fl-inventarju li sar f'din is-sena bl-ordni ta' l-Isqof Cocco Palmieri ma jissemmewx iżjed. Minn dawn il-kapep u pjaneti seta' kien hemm xi waħda mogħtija minn dan il-Gran Mastru.

Stampa Nru. LXI.



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Il-Gran Mastru Alofio De Wignacourt, il-Parrinu ta' l-ewwel tarbija li tgħammdet fil-parroċċa.**

Stampa Nru. LXII.



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Il-Gran Mastru Lascaris, magħruf għad-devozzjoni li kellu lejn il-Madonna tal-Grazzja.**

**Giovanni de Lascaris** (A.D. 1635-1657) — Naqraw fil-bijografija ta' dan il-Gran Mastru (5) illi tant kien devot lejn il-Madonna tal-Grazzji li ma kenitx tgħaddi ġimgħa li ma kienx jiġi jagħmlilha xi żjara. Dwar l-offerti li dan seta' għamlilha ma nistgħu ngħidu xejn billi ma nsibux oġġetti reġistrati b'ismu jew li jġibu l-arma tiegħu. Jista' jkun illi meta kien jagħti xi ħaġa lill-Madonna ma kienx ipoġġi ismu u lanqas l-arma tiegħu billi, kif tgħidilna l-istorja, kien bniedem ta' umiltà kbira. Aktarx minnu ġie mogħti lill-Madonna, wara r-rebħa tad-Dardanelli ta' l-1656, l-istandard Tork li jissemma f'inventarju antik li jinsab fl-arkivju tal-parroċċa (5a). Jissemma wkoll fil-"Memorji" illi l-Ordni kien iforni s-Santwarju bl-inbid

5. Librerija Pubblika MS 309 Paġ. 6.
5a Memorie Paġ. 17.

tal-quddiesa. Din id-drawwa fl-1744 diġà tissejjaħ antika (6) u għalhekk ma setgħetx tibda iżjed tard minn żmien dan il-Gran Mastru. Huwa għalhekk probabbli li din id-drawwa bdiet ukoll minnu.

Stampa Nru. LXIII.



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

Il-Gran Mastru Fra. Raffael Cottoner.

**L-Aħwa Cottoner** (Fra Raphael, A.D. 1660-1663 u Fra Nikola, A.D. 1663-1680) — Jissemmew ukoll, għad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Grazzji, l-aħwa Cottoner li kienu t-tnejn Gran Mastri.

Fil-"Memorji" jissemmew xi donazzjonijiet tagħhom fosthom vent'altar u żewġ pjaneti bl-arma tagħhom, waħda minnhom bl-ittri R (għal Raphael) u N (għal Nikola) biex jidhru li ġew mogħtija minnhom it-tnejn (7).

---

6. "Memorie", Paġ. 75.
7. "Memorie" Paġ. 22. Ara l-istampa Nru. 64 (LXIV) §5 li fiha tidher parti minn din il-paġna.

## Stampa Nru. LXIV.

### Ikompli l-inventarju tal-1699.



5 *Item una Pianeta di raso rigato di verde bianco rosso e color d'oro con sua stola e manipolo fornita con trina frangiata di seta armeggiata con un arboro et un NR. a piedi di dietro.*

6 *Item una Pianeta di damascho torchino con sua stola e manipolo fornita con merletto d'oro da per tutto armeggiata con una barra.*

7. *Item una Pianeta di lama pavonazza con colonna bianca con sua stola e manipolo fornita con merletto d'oro e frangetta attorno con iscrittione adietro.*

8. *Item una Pianeta di raso torchino allattato fondo color di musco con sua stola e manipolo fornita con trina d'oro da per tutto.*

9. *Item una Pianeta di follaro torchino con sua stola e manipolo fornita con trina e frangetta di seta color d'oro armeggiata con un squadro e tre palle.*

10. *Item una Pianeta di vellutello verde fondo incarnatino con sua stola e manipolo fornita di trina e frangetta di seta armeggiata d'un mano con manico.*

## Stampa Nru. LXV.

### Ikompli l-inventarju tal-1699.



1. *Item un Paliotto con suo telaro di lama bianco con trine d'oro armeggiato di Cottoner.*
2. *Item un Paliotto con suo telaro di lama bianca con trine d'oro falso e seta cruda.*
3. *Item un Paliotto con suo telaro di vellutello verde fondo incarnatino con trine e frangia di seta simile con arme d'un *voto con manico.*

---

12. *Item un paliotto con suo telaro di broccato con frangia d'oro armeggiato con tre squadri e tre palle.*

---



*......Item un Piviale di damasco violaceo con trina e frangia di seta violacea armeggiato con sei mostaccioli negri in ca(m)po giallo.*

---

* Din il-kelma tidher miktuba fuq kelma ohra li kienet aktarx "mano".

Aktarx li dawn iż-żewġt aħwa saru devoti tal-Madonna tal-Grazzji fil-kors tal-karriera tagħhom fuq il-flotta meta setgħu josservaw u jaraw b'għajnejhom ir-rebħ miksub bl-għajnuna tagħha, bħar-rebħa ta' tliet xwieni Torok qrib Rodi ta' l-1641 meta Fra. Raphael Cottoner kien Kaptan tal-Ġalera San Lorenzo (8), u r-rebħa tal-"Galjun tas-Slaten" fl-1644 meta miet il-Ġeneral Boisbaudran u ħa f'idejh il-kmand tal-flotta Fr. Nikola Cottoner (9).

Stampa Nru. LXVI.



**Is-Suġġetta tal-Gran Mastru Cottoner irregalata mill-familja Zarb fl-okkażjoni ta' l-inkoronazzjoni.**

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

Mill-oġġetti li dawn iż-żewġ Gran Mastri kienu offrew lill-Madonna xejn ma għadu jeżisti; imma fil-mużew tas-Santwarju tinsab il-lum is-suġġetta tagħhom regalata mill-familja Zarb

8. Dal Pozzo Lib. II Paġ. 55.
9. Dal Pozzo Lib. II Paġ.ni 82-91.



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Il-Gran Mastru Fra. Nicola Cottoner.**

fl-okkażjoni tal-festa ta' l-Inkurunazzjoni biex tibqa' tfakkar fil-qima li dawn il-Gran Mastri kellhom lejn il-Madonna tal-Grazzji.

**Del Ponte** (A.D. 1534-1535) jew **La Sengle** (A.D. 1553-1557)— Barra mill-pjaneti u l-vent'altari regalati mill-Papa Alessandru VII, minn L'Isle Adam u mill-aħwa Cottoner, fil-"Memorji" tal-Knisja jissemmew ħafna abiti sagri oħra li kellhom fuqhom armi ta' membri ta' l-Ordni. Minn dawn l-armi nistgħu ħafna drabi nkunu nafu min kien offrihom; imma, billi xi drabi ma nsibuhomx imfissrin biżżejjed, ma nistgħux dejjem inkunu żguri ta' min kienu.

Waħda mill-pjaneti, pereżempju, li qegħdin insemmu, kien fiha arma b'żewġ slaleb ta' Sant Andrija (**10**). Issa dawn iż-żewġ slaleb ta' Sant Andrija jinsabu kemm fl-arma ta' Del

10. "Memorie" Paġ. 22. (wara). Ara l-istampa Nru. 73 (LXXIII) §13.

Ponte kemm f'dik ta' La Sengle u għalhekk ma nistgħux ngħidu b'ċertezza jekk ġietx mogħtija minn wieħed jew mill-ieħor.

**Del Monte** (A.D. 1568-72) — jew **Carafa** (A.D. 1680-1690), Għall-istess raġunijiet li semmejna ma nistgħux inkunu żguri jekk ġietx mogħtija mill-Gran Mastru Carafa jew minn Del Monte pjaneta oħra li kellha fuqha arma bi strixxa (11) billi l-armi ta' dawn iż-żewġ Gran Mastri kienu t-tnejn bi strixxa.

**Hompesch** (A.D. 1797-1799) — Dwar id-devozzjoni tal-Gran Mastru Hompesch lejn il-Madonna biżżejjed ngħidu li ġie li assista għal xi funzonijiet fl-okkażjoni tal-festa tagħha (12), li offrielha xi oġġetti bħalma huma s-suġġetta u kwadri taż-żejt antiki (13) u li ried li l-parroċċa taħt il-protezzjoni tagħha ssir belt b'ismu "Graziosa città Hompesch" (14).

Stampa Nru. LXVIII.



Bieb Hompesch.

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Chigi Albani**—Għalkemm il-lum il-Gran Mastru ta' l-Ordni ma jistax josserva, bħalma kienu jistgħu josservaw fl-imgħoddi l-Gran Mastri li għexu Malta, id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Grazzji u x-xita ta' favuri li jinqalgħu minn għandha, il-Prinċep Ghigi Albani qara dan l-aħħar xi dokumenti fuq il-qima li kellu lejha l-Ordni fl-imgħoddi u biex din id-devozzjoni ma tintesiex iddeċieda li għall-okkażjoni ta' l-inkoronazzjoni tagħha jibgħatilha stendard b'isem l-Ordni.

---

11. "Memorie" Paġ. 22. Ara l-istampa Nru. 64 (LXIV) §6.
12. Ara l-kotba ta' l-Amministrazzjoni tas-sena 1797 Paġ. 191. "Bochetto del Sr. Principe: Scudi 20. Delli Sr. Gran Croci: Scudi 10."
13. Ferres "Memorie" dell'inclito Ordine Gerosolimitano Paġ. 36.
14. Ferres "Memorie" dell'inclito Ordine Gerosolimitano Paġ. 36.




Stampa Nru. LXIX.

Il-Gran Mastru
Von Ferdinand Hompesch
li għolla l-Ħaż-Żabbar għad-dinjità Ta' Belt.

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

# MEMBRI OĦRA TA' L-ORDNI

**Fra Giovanni del Bemps** — Dan il-kavalier wera l-qima lejn il-Madonna tal-Grazzji billi ħalla s-somma ta' 125 skud biex bl-imgħax tagħhom isir xi quddies fis-Santwarju tagħha (15).

**Fra Francesco Damigell** — Fl-ispoll tas-16 ta' Settembru, 1645, ta' dan il-kavalier insibu wkoll imħollija renta ta' 80 skud fis-sena: għoxrin minnhom għall-Madonna ta' Loreto tal-Gudja, tletin għall-Madonna tal-Grazzji ta' Ħaż-Żabbar u t-tletin l-oħra għall-Madonna tal-Mellieħa (16).

**Fra Gio. Battista Brulart** — Anki dan il-kavalier fl-ispoll ta' l-1671 ħalla renta biex issir quddiesa fis-Sibtijiet kollha tas-sena u fl-Erbgħat tar-Randan (17). F'dan l-ispoll jissemmew ukoll żewġ pjaneti, waħda bajda u l-oħra vjola, mogħtijin aktarx

15. Atti Guglielmo Fulchier, 20 ta' Novembru, 1592.
16. Atti Lorenzo Grima, 16 ta' Settembru, 1645.
17. Atti Baldassare de Modica, 18 ta' Marzu, 1671.

Stampa Nru. LXX.

Iċ-ċertifikat mibgħut mill-prinċep Chigi ma' l-istendard irregalat lill-Madonna fl-okkażjoni tal - Inkoronazzjoni tagħha.


Nel fausto evento della incoronazione della Madonna delle Grazie in Zabbar-Malta, amorosa efficace protettrice nei secoli, dei Cavalieri dell' Ordine Gerosolimitano, a Lei offro divotissimamente con cuore di figlio, a somiglianza dei miei predecessori, questa bandiera, invocando la Sua valevole protezione e la Sua materna benedizione su tutte le opere del nostro Ordine.

Roma, MCMLI.

Fra Ludovico Chigi della Rovere Albani

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

b'radd ta' ħajr wara r-rebħa ta' l-1668 meta l-flotta ta' l-Ordni attakkat u ddistruġġiet il-flotta ta' Durlak Bej, li kienet tikkonsisti fi 12-il galera. Dawn il-pjaneti nsibuhom imniżżlin ukoll fl-inventarju ta' l-1699.

**Ballju Fra Diego Veles Degura** — Dan ħalla 1,000 skud biex jiġu depożitati fil-Massa Frumentarja ħalli bir-renti tagħhom tiġi sollennizzata l-festa tal-Madonna u biex jiġi mżejjen l-altar tagħha (18).

**Fra Guido San Blase** — Dan offra b'wegħda lampier tal-fidda b'din l-iskrizzjoni: "Templo B.V. Mariae Sub Tit: Grat: Voti Compos F. Guidus San Blase. Eqes S.R.M. Quidquid

18. Atti Vincenzo Marchese, 9 ta' April, 1734.



**Il-Prinċep Ludovico Ghigi della Rovere Albani li fil-preżent huwa l-Gran Mastru tal-Ordni.**

Devote Pieq Fuerat Pollicitus Religiose Praestat Anno Sal: MDCCXXXXI" (19). *Bil-Malti tfisser:*— "B'tifkira tal-wiegħda Fra Guido San Blase. Kavalier ta' l-Imqaddsa Reliġjon ta' Ġerusalemm jagħti lill-Knisja tal-Beata Verġni Marija taħt it-titlu tal-Grazzji dak li huwa kien wiegħed bl-akbar qima u mħabba. Is-sena tas-saħħa 1741."

**Fra Francesco de Morges Ventavon** (Prior ta' S. Eġidju) — Dan offra lampier ieħor tal-fidda bl-arma tiegħu (tlitt irjus ta' ljuni) li jissemma fl-inventarju ta' l-1699 (20).

**General Fra Antonio de Colbert** — Dan il-Ġeneral wera l-qima li kellu lejn il-Madonna tal-Grazzji billi offrielha stendard bi tlitt armi u bix-xbihat tal-Kunċizzjoni u ta' San Ġwann Battista (21) aktarx b'ringrazzjament wara r-rebħ li kiseb bl-għajnuna tagħha qrib Kap S. Marija fil-Calabria fejn rebaħ u qabad żewġ fusti Torok u fil-Golf ta' Cropani fejn rebaħ u qabad vaxxell korsar armat bi 22 kanun (22).

**Fra Gio Girolamo de Gallean Castel Nuovo** — Fl-1631 dan il-kavalier irnexxielu jreġġa' lura flotta sħiħa tal-Bej ta' Rodi li attakkatu qrib Capo Bianco f'Ċipru. Billi din ir-rebħa ta' xini kontra flotta ġiet meqjusa bħala miraklu tal-Madonna tal-Grazzji, dan il-kavalier flimkien ma' l-ekwipaġġ tiegħu, offrielha t-tliet xpruni tal-ħadid li fil-kors tat-taqbida, li damet sejra għaxar sigħat, baqgħu mwaħħlin max-xini tiegħu (23).

**Balì W.P. de Guttenbergh** — Dan offra kwadru bi gwarniċa kollha skultura u ndurata li ġġib l-arma tiegħu.

19. Ara l-lampier li jinsab fit-teżor tal-Parroċċa.
20. "Memoriae" Paġ. 20. (wara). Kien hemm kavalieri oħrajn li kellhom din l-arma (tlitt irjus ta' ljuni) imma billi nafu li dan il-lampier ġie mgħoti bejn is-sena 1679 u s-sena 1699 (għax jissemma biss fl-inventarju li sar f'din is-sena) ma jistax ikun li dan ġie mogħti jekk mhux mill-imsemmi prijor li għax f'dan iż-żmien.
21. "Memorie" Paġ. 27. Ara wkoll l-istampa Nru. 22 (XXII) li fiha tidher parti minn din il-paġna.
22. Dal Pozzo Vol. II Paġ. 489; 498 - 499.
23. Dawn l-ixpruni jissemmew kemm fil-"Memorji", Paġ. 28, kemm fl-ewwel Volum ta' Dal Pozzo, Paġ. 800.

## Stampa Nru. LXXII.

### Ikompli l-inventarju tal-1699.

7. *Item un Paliotto con suo telaro in due*
8. *faccie uno torchino di damasco fiorito con merletti doppii e frangia d'oro con arme d'una barra gialna in ca(m)po nero. L'altro di tarzanello verde con frangia di seta bianca e gialla.*
9. *Item un paliotto con suo telaro di lama verde con frangia d'argento con arme con dieci palle bianche in ca(m)po rosso.*

---

## Stampa Nru. LXXIII.

### Ikompli l-inventarju tal-1699.

13. *Item una Pianeta di mezzo tarzanello bianco con manipolo fornita con marletto d'oro dapertutto con armi due torri rosse in ca(m)po bianco e due croci di S. Andrea.*

14. *Item una pianeta di scandelaro di diversi colori con sua stola e manipolo fornita con trina e frangetta di seta armeggiata con dieci palle.*

---

16. *Item una Pianeta di damasco rossa con colonna torchina di vellutello torchino fondo color d'oro con sua stola e manipolo fornita di trinetta e frangetta di seta torchina e rossa armeggiata con un arbore e5 cori verdi e tredici stelle.*

17. *Item una pianeta rossa frappata con suo manipolo e stola armeggiata con un Leone e tre stelle.*

---

24. *Item una Pianeta di damasco bianco fondo rosso con colonna di tarzanello rosso con sua stola a manipolo armeggiata d'una stella rossa.*

---

26. *Item una Pianeta follaro pavonazzo e fondo verde con sua stola e manipolo fornita di trina e frangia armeggiata sbarra e dentro un friso in ca(m)po rosso.*

28. *Item una Pianeta di damasco bianco vecchia con sua stola e manipolo fornita di trina e frangetta di seta bianca e color d'ore armeggiata come sopra.*

**Fra Fabiano Bacci** — Dan offra lill-Madonna pjaneta ħamra bl-arma tiegħu (iljun u tliet stilel) li tissemma fl-inventarju ta' l-1699 (24).

Stampa Nru. LXXIV.



Fra. Fabiano Bacci, wieħed mill-kavalieri li offrew lill-Madonna abiti sagri bl-arma tagħhom.

PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Balì Horatius Blacas d'Aups** — Anki dan il-Balì offra lill-Madonna pjaneta bajda bl-arma tiegħu (stilla ħamra fuq fond abjad). (25).

**Honorato de Rabasse Vergons** — Dan offra wkoll żewġ pjaneti, waħda bajda u oħra vjola, u par impulluzzi tal-fidda li jissemmew fil-"Memorji" (26).

**Henricus de Latis** — Dan offra lill-Madonna kappa bl-arma tiegħu (sitt imqaret suwed fuq fond isfar) li tissemma fl-inventarju ta' l-1699 (27).

24. "Memorie" Paġ. 22 (wara). Ara l-istampa Nru. 73 (LXXIII) §23.
25. "Memorie" Paġ. 23. Ara l-istampa Nru. 73 (LXXIII) §24.
26. "Memorie" Paġ. 17; 17 (wara) u 27 (wara).
27. "Memorie" Paġ. 233.

**Fra Gabriel de Cassagnet Tilhadet** — Fl-istess inventarju jissemma vent'altar moghti minn dan il-kavalier li kien fih ukoll l-arma tiegħu (strixxa safra fuq fond iswed). (28).

**Gaspard de Perthenay Foucancourt** — Dan offra lill-Madonna pjaneta vjola bl-arma, (skwerra u tliet balal) tiegħu (29).

**Jean Aleaume de Rouilly** — L-arma ta' dan il-kavalier (tliet skwerer u tliet balal) insibuha fuq vent'altar tal-brukkat li jissemma fiż-żewġ inventari ta' l-1679 u ta' l-1699 (30).

**Fra Massimiliano Ruero** — L-arma ta' dan il-kavalier insibuha fi kwadru wegħda mogħti lill-Madonna wara l-ħelsien mill-għarqa tax-xini "San Antonio di Padova".

**Kavallieri Oħra** — Barra l-abiti sagri u l-vent' altari li semmejna jissemmew ukoll f'inventarji antiki tal-knisja pjaneti u vent'altari oħra bl-arma tal-kavalieri li offrewhom, li għad ma rnexxilniex inkunu nafu isimhom. Waħda minn dawn il-pjaneti kellha fuqha arma b'siġra, ħamest iqlub ħodor u tlit-tax-il stilla. Pjaneta oħra kellha fuqha arma b'torri u tliet ġilji. Fuq oħra kien hemm skrizzjoni li ma rnexxilniex inkunu nafu x'kienet tgħid. Kien hemm ukoll pjaneti u vent'altari bl-armi ta' membri ta' l-Ordni li ma nafux ta' min kienu għar-raġuni li min kiteb l-inventarju ta' l-1679 ma qagħadx ifisser kif kienu dawn l-armi. Billi parti minnhom ma jerġgħux jissemmew fl-inventarju ta' l-1699 jidher ċar illi fil-kors ta' dawn l-għoxrin sena kienu diġà spiċċaw u tqattgħu.

## NIES OĦRA STRANĠIERI

**Villehume** — Dan offra lill-Madonna pjaneta u vent'altar tal-luna ħadra bl-arma tiegħu, (għaxar balal bojod fuq fond aħmar) (31). Dan kien Franċiż kif jidher mill-istess arma; imma kif kellu x'jaqsam mas-Santwarju fejn ħalla dan il-vent'

28. "Memorie" Paġ. 23 (wara). Ara wkoll l-istampa Nru. 72 (LXXII) §8.
29. "Memorie" Paġ. 22. Ara wkoll l-istampa Nru. 64 (LXIV) §9.
30. "Memorie" Paġ. 23. (wara) Ara wkoll l-istampa Nru. 65 (LXV) §12.
31. "Memorie" Paġ. 22. (wara. Ara wkoll l-istampa Nru. 72 (LXXII) §9.

altar u din il-pjaneta ma nafu xejn. Forsi kien wieħed mill-merkanti Franċiżi li jissemmew fil-manuskritti ta' Theuma Castelletti, (32), li kienu għamlu offerti lill-Madonna għall-grazzji li kienu jaqilgħu minn għandha.

**Kaptan Scavinci Antonio u sħabu** — Dawn kienu Taljani u jissemmew fi ktieb ta' l-Amministrazzjoni ta' l-1730 minħabba li kienu ndaħlu għall-ispejjeż ta' l-induratura ta' parti mill-knisja bħala wegħda ta' ħelsien mill-għarqa.

**Bertino Francesco,** minn Gela, fi Sqallija — Fl-okkażjoni ta' għeluq l-aħħar żjara pastorali dan stqarr pubblikament li ġie mfejjaq mirakolożament minn kankru li kellu fi driegħu l-leminija malli rrikorra lejn il-Madonna tal-Grazzji. Huwa kien ikkonsulta l-aqwa professuri ta' pajjiżu, fosthom il-Professur Benedetti, u dawn, wara dijanjosi u studju tal-marda tiegħu fuq ritratti radjografiċi, iddikjaraw u qalulu lkoll li ma kellu ebda tama ta' għixien jekk din id-driegħ ikkankrata ma tiġix maqtugħa barra. Kif irċieva din l-aħbar ma setax isib paċi, billi ma xtaqx jibqa' bi driegħ wieħed. Kif kien għadu kkonfondut u ħosbien jekk jagħmelx l-operazzjoni, jiltaqa' ma' ħabib tiegħu minn Ħaż-Żabbar, li ħajru jagħmel wegħda mal-Madonna tal-Grazzji; u kif irrikorra Lejha u wegħidha li jagħtiha xi ħaġa beda jħoss l-uġigħ jonqoslu sakemm waqaflu għal kollox. Reġa' ħa ritratti oħra radjografiċi u ġie dikjarat imfejjaq mill-istess professuri li qabel riedu assolutament illi tinqatagħlu driegħu. Malli aċċerta ruħu mill-fejqan ġie offrielha bukkett ward sabiħ li ġieb miegħu minn Sqallija u somma ta' £10.

**J. Armstrong,** Ingliż — Dan il-ġuvnott ta' sbatax-il sena kien lest għall-operazzjoni fl-isptar ta' Bighi. Qabel l-operazzjoni ċerta mpjegata minn Ħaż-Żabbar tagħtu domna tal-Madonna biex iżommha fuqu ħalli l-operazzjoni li kien sejjer jagħmel tirnexxi. Allavolja Protestant, dan poġġa fuqu din id-domna b'fiduċja l-iżjed kbira. Qabel ma ġie operat ġie mill-ġdid eżaminat permezz ta' l-*X-Rays* u nstab li ma kienx hemm iżjed bżonn ta' operazzjoni għaliex mhux biss għadda għat-taj-

32. Librerija Pubblika — MS. 1,209 Paġ. 170.



PHOTO: GARZIA - ZABBAR.

**Mr. Armstrong qed iħabbar fl - okkażjoni tal - Qalb Ta' Ġesù, 1950 kif sab ruħu mfejjaq f'daqqa waħda u meħlus minn operazzjoni mal-li rrikorra lejn il-Madonna tal-Grazzji u poġġa fuqu domna tagħha.**

jeb imma fieq għal kollox bħalma huwa stqarr nhar il-Qalb ta' Ġesù ta' l-1950.

**Butler,** Ingliż Protestant — Dan kien marid bil-paraliżi fl-isptar ta' l-Imtarfa. Martu, Mrs. Magdalene, Maltija, ħaditlu domna tal-Madonna biex iżommha fuqu u ġurnata wara bagħtitlu ftit żejt ta' l-istess Madonna biex bih jidlek riġlejh li kienu bla forza. Kif beda jidlek iż-żejt, deher jaqleb għat-tajjeb u ġie mqajjem mis-sodda biex jibda jmidd xi pass. Minn ġurnata għall-oħra baqa' għaddej 'il quddiem u f'qasir żmien ħareġ mill-isptar imfejjaq.

---

# MIR-REGISTRU TAL-OFFERTI

**Jirringrazzjaw lil Madonna għall-favuri u l-grazzji li tagħthom matul is-sena 1950.**

---

## JANNAR 1950

ŻABBAR :

Carmela Grech, Gerald Pace, Fco. Bianco, Maria Mizzi, Caterina Micallef, N. N., N. N., Giuseppe Zerafa, N. Cucciardi, Angelo Meli, Giuseppe Farrugia, Evanġ. Mizzi, Carm. Borg, Antonia Scicluna, Antonia Tonna, Salvatore Darmanin, N. N., Annetto Attard, Assuero Scicluna, Giovanna Camilleri, Carmelo Attard, Ġiuseppa Darmanin, Antonio Scicluna, Joseph Zerafa, Maria Pisani, N. Pulis, Matteo Zerafa, Rosina Farrugia.

MSIDA :

Cam. Mangion, Salvina Agius, James Goodrum, B. Vella.

MARSA :

Joseph Adami, Mary Carbone, Maria Ancilleri.

PAWLA :

N. Castaldi, Maria Concetta Abela, Carmelina Mercieca, Mary Farrugia, Maria Spiteri, Concetta, Compagno, Francis Chircop, Rosa Garcia, Salvatore Bonnici, James Jones, Veronica Aquilina, Michelina Falzon, Emm. Busuttil, Elizabetta Sciberras, Maria Zammit, Giuseppe Camilleri, Maria Saliba, Concetta Saliba, Assunta Anastasi.

ĦAMRUN :

Giovanna Bugeja, Maria Vella, Ruggiero Portanier, Beatrice Portanier, Grazia Chircop, Salvina Bonello, Salvina Borg, Tessie Mifsud, Rita Farrugia, Mary Sciberras, Carmela Sciberras, Concetta Pace.

TARXIEN :

Dolores Bonello, Rosa Vella, Salvatore Vella, Giuseppa Farrugia, Andrea Cachia.

SLIEMA :

Margherita Micallef, Nazzarena Busuttil, Maria Borg, Lorenza Farrugia, Alfred Moore, Maria Antonietta Bonnici.

SAN ĠILJAN :

Lina Magri.

VITTORIOSA :

Giovanna Butters, Annetta Camilleri, Annetta Camilleri, Antonia Cappello, Maria Anna Gatt, Mary Leone, Paolo Deguara, N. Deguara, Elvira Deguara Previ, Giuditta Fenech, Rosaria Scicluna.

BORMLA :

Carmela Cioffi, N. Pisani, Caterina Cutajar, Alfred Pavia, Carmela Massa, Marianna Desira, Concetta Vella, Carmela Ellul, Maria Bugeja.



*VESTRU BRIFFA min Ħaż-Żabbar li waqa' minn fuq l'armar filwaqt li kien qed jisbogħ iċ-ċinta tal-Knisja u ma ġralu xejn.*

ŻEBBUĠ :

Emmla. Camilleri, Adelaide Micallef, Grazzja Camilleri, Godfrey N.

KALKARA :

Caterina Sultana, Carmela Cassar.

LUQA:

Rosina Frendo.

VALLETTA:

Carmela Zammit, Fco. Schembri, Edgar Aquilina.

SENGLEA:

Concetta McSteol, Maria MacDonald, Victoria Zammit.

ŻEJTUN:

Carmela Buttigieg, Emmle. Galea.

LIA:

Lawrence Cassar.

FLORIANA:

Giovanna Coleiro, Rita Ciantar, Cla. N., Lucia Piscopo, M. Stella Vitellaro.

MELLIEĦA:

Alice Xuereb.

FGURA:

Carmela Portelli.

SIĠĠIEWI:

Costantino Grech.

MOSTA:

Francesca Agius, Filomena Galea, Margherita Sammut.

B'BUĠIA:

Maria Calafato, Maria Teresa Farrugia, M. Assunta Gialanze'.

QORMI:

Dolores Curmi, Giuseppa Aquilina, Rosina Meilak.

PIETA:

Annie Bulmer.

ŻURRIEQ:

Antonia Briffa.

B'KARA:

Gladys Camilleri, Fco. Schembri.

GĦAWDEX (Mġarr):

Salvu Galea.

AWSTRALJA:

Alfred Mifsud, Victor Zahra, Carmela Busuttil (Sydney).

## FRAR 1950

ŻABBAR:

N. Busuttil, Francesco Sultana, Carm. Borg, Ant. Vassallo, Paul Vella, Concetta Vella, Liberata Busuttil, Emmle. Cutajar, Giuditta Camilleri, Maria Buhagiar, N. Taliana, C. N., Giovanna Bugeja, Carmelo Borg, Giuseppe Spiteri, Giuseppe Grech, Irene Grima, Maria Azzopardi, Emmle. Lia, Carmela Spiteri, Ġuża Bonnici, Susanna Clarke, M. Angelo Bajada, Victor Fenech, Salvatore Pulis, Michele Magro, Carmela Grech, Ant. Sciberras, Grazzja Sciberras, Carmela Sciberras.

M'SCALA:

Concetta Massa.

BORMLA:

Concetta Cortis, Mary Attard, Carmela Scerri, Rev. L. Aquilina, O.C.D., Dolores Micallef, Concetta Cilia, Giovanni Aquilina.

VITTORIOSA:

Carmela Azzopardi, Paul Deguara, Giuseppe Gatt, Dolores Xuereb, Giuseppe Zammit.

RABAT:

Michele Farugia, Maria Falzon.

KALKARA:

Aloisia Borda, Giovanna Mifsud.

PAWLA:

Polly Borg, Caterina Ross, Paola Zarb, Maria Grech, Albert Farrugia, Carmela Massa, Rosa Garcia, L. Attard, V. Mizzi, Maria Buhagiar, Tommy Ellul, Rose Jones, Rosaria Mizzi, Carmela Cassar, Mary Francalanza, Felice Ellul, Bernarda Vassallo, Carmela Mangion, Annunziata Dalli, Maria Schembri, Maria Cutajar, M. Anne Harold, Maria Formosa.

VALLETTA:

Carmela Schembri, Mary Cordina, Giuseppe Vella, Mary Xuereb, Giuseppe MacKay, Felicita Cesare, Carmela Zammit, Carmelo Bonello Carmela Spiteri, Ġiuseppina Demanuele, Giuseppe Cremona, Carmela Mifsud.

QORMI:

Carmela Rapinett, Emmanuele Saliba, Andrea Zammit, Ant. Camilleri.

SLIEMA:

Carm. Fenech, Giov. Galea, Giuseppa Caruana, Carmelina Mizzi, Assunta Formosa,

Stella Micallef, Carmela Mizzi, Manwela de Caro, Victoria de Caro, Mary Saliba, Frances Spiteri, Concetta Perconte, Rosa Ripard, George Sciberras, Agnese Farrugia, Margherita Camilleri.

MSIDA:

Maria Aquilina, D. N., Antonia Attard, Salvatore Testa.

ĦAMRUN:

Maria Agius, Adelina Spiteri Sacco, Alba Tabone, Antonio Borg, Filippo Caruana, Ġorġina Vassallo, Ġorġina Bumber, Gerald Xerri, Carmela Portelli, Loreta Camilleri, Giuseppe Ellul.

FLORIANA:

Maria Portelli, Oswald Debouis, C. Barbara, Joseph W. Rizzo, Giuseppe Muscat, Concetta Savona.

ŻEJTUN:

Matteo Bonnici, Caterina Camilleri, Vincenza Bonnici, S. B. Spagnol.

B'BUĠIA:

Esther Galea, Carmela Cassar, G. Swain.

B'KARA:

Victoria Azzopardi, Not. Emmle. Agius, Concetta Bugeja, Cormelo Mercieca.

MOSTA:

Giuseppe Buhagiar, Carmela Lia.

SIĠĠIEWI:

Costantino Grech.

NAXXAR:

Paolo Catania.

MARSA:

Giuseppe Cardona, Antonio Camilleri.

## MARZU 1950

ŻABBAR:

Carmela Scicluna, Carmela Attard, Emmle. Cassar, Antonietta Portelli, Michael Schembri, Victor Fenech, Familja Steele, Maria Anna Lia, Maria Buhagiar, Concetta Mifsud, N. N., Alfredo Bonnici, Giuseppe Micallef, N. N., Maria Darmanin, Stella Pulis, N. N., Saċ. Giov. Tabone, Anna Buhagiar, Domenico Cutajar, Carolina Zarb, Dolores Debono, Domenica Tonna.

MSIDA:

Rosaria Agius, Maria Cassar, Giuseppe Ancilleri, Rosina Mifsud, Dolores Buhagiar, Maria Pace, Alex. Aloisio, Vincenza Farrugia, Carmela Attard.

SAN ĠILJAN:

Vincenzo Aquilina, Lina Giorgio, Alfred Pizzuto, Concetta Azzopardi, Carmela Mizzi.

ŻEJTUN:

Maria Bonnici, Carmela Gatt, Carmela Camilleri, Joseph Ellul.

PAWLA:

Maria Caruana, Olga Micallef, Nicolina Battista, Violet Schembri, Giorgia Micallef, Mary Zerafa, Antonio Demanuele, Rosina Bailey, Tarcisio Fleri, Katie Farrugia.

MARSA:

Nicolina Grech, Mary Micallef, Lucia Gatt, Nazzarena Grech, Lucarda Camilleri, Carmela Buhagiar.

BORMLA:

Teresa Vella, Virginia Mifsud, Georgina Pavia, Teresa Zerafa, Carmelo Spiteri, Giovanna Degiorgio.

VALLETTA:

Adelaide Calleja, Gius. Agius, George Portelli, Mary Xuereb, Elvira Sammut, Domenica Ciantar, Antonio Muscat, Giuseppe Ellul.

FLORIANA:

N. Spiteri, Concetta, Carmela Lombardi, Emmanuela Cioffi, Giuseppa Briffa, N. Borg.

SLIEMA:

Maria Mahoney, Maria Violetta Defelice, Concetta Spiteri, Carmelo Grech, Giuseppa Azzopardi, Rosa Asciak u oħrajn, Edward Grech, Vitorina Grech, Caterina Bonello, Giuseppe M. Mercieca, Maria Vella, Antonio Formosa.

QORMI:

Antonia Falzon, Giuseppe Agius, Francis Damato, Giuseppa Borg.

ĦAMRUN:

Saverina Mifsud, Evelyn Azzopardi, Ronnie Muscat, Edw. Scicluna, Maria Vassallo, Giovanna Bonavia, Lina Fernandez, Joseph Cassar.

B'KARA:

Angela Mallia, Giovanni Zammit, Esther Vella, Emmle. Savona, Annie Bugeja, Antoinette Micallef.

VITTORIOSA:

Pacifico Scicluna, Jos. Azzopardi, Carmela Portelli.

TARXIEN:

Antonio Chetcuti, Albert Magri, Rosina Cachia, Teresa Farrugia, Maria Farrugia.

MQABBA:

Maria Mallia.

LIA:

Carmelo Tanti.

LUQA:

Giuseppe Cassar, Caterina Caruana.

ŻEBBUĠ:

Teresa Gatt.

KALKARA:

Aristea Farrugia, Salvina Gialanze'.

RABAT:

Giuseppa Tonna.

MOSTA:

Paola Bonavia.

SENGLEA:

Paolo Caruana.

GUDJA:

Carmelo Chircop.

## APRIL 1950

QORMI:

Vincenza Agius, Giusa Caruana, Paolo Cassar, Maria Laura, Carmela Cassar.

B'KARA:

Emmle. Fenech, Lillian Dimech, Salvatore Borg, Joseph Borg Bonello, Giuseppe Vella, Marianna Muscat, Salvatore Scicluna, Spiridiona Cachia.

ATTARD:

Luigi Fenech.

ŻABBAR:

